# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 815/2021GG**

**Rosemary Gonzi (K.I. 478137M),**
**Avukat Dottor Mariella Schembri Gonzi (K.I. 32969M),**
**Michael Gonzi (K.I. 186567M),**
**John Gonzi (K.I. 38071)**
**vs**
**Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali**
**Avukat tal-Istat u b'digriet tat-13 t'April 2023 kienu kjamati in kawza George u Mary konjugi Zammit**

Illum 26 ta' Frar 2025.

**Il-Qorti**,

Rat ir-**Rikors**[1] **tar-rikorrenti** pprezentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-20 ta' Diċembru 2021, bis-segwenti premessi u talbiet:

*i.* Illi b'rikors guramentat tat-23 ta' Novembru 2009 pprezentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Rikors Nru. 1149/2009 AF fl-ismijiet Mary u George konjugi Zammit *vs* Rosemary Gonzi, Michael Gonzi, Dr.

[1] Fol. 1 sa 9

Mariella Schembri Gonzi u John Gonzi, l-atturi f'dik il-kawza ppremettew illi:-

1. *Fid-9 ta' Novembru 1994 ir-rikorrenti, Rosemary Gonzi u Joseph Gonzi (l-awtur tal-intimati l-ohra) kienu iffirmaw ftehim bejniethom li permezz tieghu l-konjugi Gonzi kienu taw appalt lir-rikorrenti li permezz tieghu ir-rikorrenti intrabtu li jwaqqghu d-dar li kellhom l-konjugi Gonzi li kienet iggib in-numru 199, Tower Road, Sliema u flokha jikkostruwixxu blokka appartamenti, bil-pattijiet indikati fl-istess ftehim, fosthom bil-patt illi l-istess konjugi Gonzi jhallsu lir-rikorrenti is-somma ta' €93,174.94 (ekwivalenti ghal Lm40,000) u "Joseph Gonzi jcedi u jaghti lil G. Zammit il-proprjetà ghal flat fit-tieni [sic! – tielet] sular bhala arja......Joseph Gonzi ihalli w icedi ukoll lil G. Zammit "space" ghal karozza wahda fil-garage" ara kondizzjoni 6 [3] tal-istess ftehim.*

2. *Ir-rikorrenti esegwew l-inkarigu lilhom fdat izda meta talbu lill-konjugi Gonzi sabiex jittrasferulhom l-imsemmija arja bl-ispazju tal-garage sottostanti, l-konjugi Gonzi naqsu milli jaghmlu dan.*

3. *Ir-rikorrenti mexxew kontra l-konjugi Gonzi permezz tal-kawza li ggib in-numru 1005/02 li giet deciza fis-27 ta' Ottubru 2009 u t-talba tar-rikorrenti sabiex l-intimati jersqu ghall-publikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv abbazi tal-ftehim fuq riferit sabiex huma jigu registrati validament bhala l-proprjetarji tal-proprjetajiet imsemmija fl-imsemmi ftehim giet michuda.*

4. *L-intimati kollha, ghajr ghal Rosemary Gonzi, huma is-successuri tal-mejjet Joseph Gonzi.*

5. *F'kaz illi l-intimat ma jittrasferux l-imsemmija proprjetajiet lir-rikorrenti, ir-rikorrenti ghandhom id-dritt li jigu risarciti, fi flus, ghall-appalt li huma esegwew fuq inkarigu tal-konjugi Gonzi.*

*ii.* Illi permezz tal-imsemmi Rikors Guramentat, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet intalbet sabiex:-

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti ghandhom dritt ta' kumpens xieraq u adegwat mill-intimati ghall-ispejjez u ghas-servizzi li inghataw lil u fuq istruzzjonijiet tal-konjugi Gonzi fl-esekuzzjoni tal-appalt moghti lir-rikorrenti permezz tal-iskrittura fuq riferita.*

*2. Tillikwida l-ammont xieraq, gust u adegwat dovut lir-rikorrenti, kif fuq intqal, jekk hemm bzonn permezz tal-hatra ta' periti kwalifikati.*

*3. Tikkundanna lill-intimati ihallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata minn din il-Qorti ai termini tat-tieni domanda.*

*4. Tikkundanna lill-intimati ihallsu lir-rikorrenti l-imghax fuq imsemmija somma mid-data li l-insemmija konjugi Gonzi hadu pussess tal-blokka appartamenti imsemmija saddata tal-effettiv pagament – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi. B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom.*

*iii.* Illi l-imsemmija kawża ġiet appuntata u trattata skond il-ligi, u b'sentenza tas-16 ta' Frar 2016, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddeciediet il-kawza billi:-

*Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' it-talbiet ta' l-atturi u tiddikjara li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi ghall-ispejjez u servizzi li nghataw fl-esekuzzjoni tal-appalt moghti lilhom fuq struzzjonijiet tal-istess konvenuti jew l-awtur taghhom, ghar-ragunjiet imsemmija fis-sentenza.*

*Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta' mija sitta u tletin elf, hames mija u disgha u sebghin euro u disgha u hamsin centezmu (€136,579.59) u tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-atturi din is-somma, bl-imghax mid-data tas-sentenza.*

*L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-intimati.*

*iv.* Illi dan kollu jirrizulta mill-imsemmija sentenza tas-16 ta' Frar 2016 moghtija mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili li kopja taghha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bhala *"Dok. A"*.

*v.* Illi l-intimati f'dik il-kawza *qua* rikorrenti hassewhom aggravati b'dik it-tali sentenza u interponew appell minnha quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell

*vi.* Illi bir-rikors tal-appell taghhom tal-4 ta' Marzu 2016 *"Dok. B"* hawn anness, huma talbu s-segwenti:-

***Ghaldaqstant, l-esponenti konvenuti, filwaqt li jinterponu appell mis-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Frar 2016 fl-ismijiet "Mary u George konjugi Zammit vs. Rosemary Gonzi, Michael Gonzi, Dr Mariella Schembri Gonzi u John Gonzi" (Rikors Numru 1149/09 AF) , u filwaqt li jaghmlu riferenza ghall-atti processwali u ghall-kuntratt ta' divizjoni tat-28 ta' Settembru 1988 fl-atti tan-Nutar Dr Maurice Gambin, li qed jigi hawn anness ai termini ta' l-Artikolu 145 tal-Kap. 12, u filwaqt li jissollevaw zewg eccezzjonijiet perentorji, jitolbu umilment u bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi, tilqa' dan l-appell, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tas-16 ta' Frar 2016, u tichad it-talbiet tal-atturi. Bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.***

*vii.* Illi wara stennija ta' hames (5) snin, b'digriet tat 3 ta' Frar 2021, *"Dok. C"* hawn anness, l-Onorabbli Qorti tal-Appell appuntat l-appell ghas-smiegh ghas-seduta tas-16 ta' Frar 2021 fid-09.00am u presumibilment inhareg l-avviz tal-kawtela ai termini tal-Artikolu 209 u 249 tal-Kap. 12 ta' Malta.

*viii.* Illi hadd mill-partijiet ma gie notifikat bl-avviz tas-smiegh u bil-kawtela, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2021 mizmuma fid-09.00am, *"Dok. D"* hawn anness :-

*Meta ssejjah l-appell ma deher hadd.*

*Billi jirrizulta li **ghalkemm hadd m'hu notifikat bl-avviz tas-smigh u bil-kawtela**, l-appellanti ghadhom sa llum ma nnotifikawx lil appellati bir-rikors tal-appell promotur.*

*Il-Qorti qed taghti differiment wiehed biex l-appellant jottempera ruhu mal-ligi, u fin-nuqqas tiehu l-provediment opportun, ghad-2 ta' Marzu 2021 fid-9:10a.m.*

*ix.* Illi apparti illi l-esponenti qatt ma gew notifikati illi n-notifika tar-rikors ta' l-appell taghhom ma kienetx saret huma jikkontendu illi l-appellati taw ruhhom b'notifikati ghall-istess tali rikors tal-appell permezz tar-risposta taghhom tat-22 ta' Marzu 2016 *"<u>Dok. E</u>"* hawn anness, fejn huma jaghmlu referenza **<u>espressa, tacita u inekwivoka</u>** ghar-rikors tal-appell tal-appellanti, tant illi hemm referenza mhux biss ghall-korp tal-istess rikors izda hemm wkoll referenza ghad-data illi fiha gie pprezentat dan it-tali rikors tal-appell u b'hekk il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) kienet skorretta meta qieset illi l-appellati Zammit ma kienux notifikati bir-rikors tal-appell, izda minhabba l-anomalija fl-Artikolu 818(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta *[818(2) Ma tista' tintalab f'ebda każ ritrattazzjoni wara li jgħaddu ħames snin minn meta tkun ingħatat l-ewwel sentenza.]*, kif spjegat aktar l'isfel, huma sofrew lezjoni tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq.

*x.* Illi ai termini tal-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-Qorti **<u>għandha</u>** għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi **evitat** illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.

*xi.* Illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2021, l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat ordni f'dan is-sens u 'akkordat' differiment wiehed (ta' inqas minn xahar) *in vacuo* biex l-appellanti johorgu n-notifika relattiva.

*xii.* Illi din il-koncessjoni ta' differiment wiehed qatt ma setghet tkun utili ghall-appellanti qua rikorrenti stante illi huma ma kellhom ebda konoxxenza illi l-appell kien gie appuntat u ma b'hekk ma kienx nuqqas taghhom illi ma deherux ghas-seduta tas-16 ta' Frar 2021, u konsegwentement ma setghux juzufruwixxu ruhhom mid-dritt li inghata lilhom ai termini tal-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

*xiii.* Illi l-intenzjoni tal-Ligi f'kazijiet bhal dawn mhix illi l-appellant jkollu fuqu x-xabla ta' Damokle fuq rasu tant illi l-Ligi stess fl-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tipprovdi illi ghandu jigi evitat illi appell jmur dezert semplicement minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.

*xiv.* Illi minhabba f'hekk ir-rikorrenti hassew illi huma gew mcahhda mid-dritt ta' smigh xieraq ghax il-principju tal-*audi alteram partem* gie lez meta l-Qorti ppronuncjat l-appell taghhom bhala dezert meta huma lanqas biss kellhom konoxxenza illi l-appell kien gie appuntat ghas-smiegh u tenut kont tal-fatt illi l-ordni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-seduta tas-16 ta' Frar 2021 qatt ma giet notifikata lilhom imqar permezz ta' komunika.

*xv.* Illi r-rikorrenti gew trattati b'mod mhux imparzjali u mhux skont l-ekwita' u d-dettami ta' smigh xieraq mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), tant li dan sar bi pregudizzju ghalihom.

*xvi.* Illi l-appellanti saru jafu b'dan kollu biss fit-13 ta' Mejju 2021 meta huma rcevew avviz tal-11 ta' Mejju 2021 fejn intalbu jhallsu is-somma ta' €1,729.80c lill-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, skond *"Dok. F"* hawn anness.

*xvii.* Illi inoltre kif jirrizulta mill-atti, il-Marixxal ma bghatx lettera d'avvizo rigward in-nuqqas ta' notifika ai termini tal-Artikolu 152(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u lanqas ma giet adoperata l-procedura ai termini tal-Artikolu 152(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre illi jezistu dubji

serji dwar kemm dan it-tali marrixxall, ossia John Francica effettivament ittenta jinnotifika lir-rikorrenti, u dan stante illi mir-riferta tieghu huwa ddikjara illi kellu bzonn n-numru tal-bieb u dan meta huwa kien diga nnotifika lir-rikorrenti kemm il-darba b'atti ohra fis-snin precedent, tant illi gieli ghamel kuntatt telefoniku mar-rikorrenti Avukat Dottor Mariella Schembri Gonzi biex jistaqsi jekk atti tal-Qorti kienux destinati ghaliha jew le, oltre illi huwa kien jaf sew lir-rikorrenti John Gonzi u kien jaf ezattament fejn dan jirrisjedi, tant illi kemm-il darba nnotifikat b'atti tal-Qorti
fir-residenza tieghu, ossia 199, Flat 6, Triq it-Torri, Tas-Sliema. Dan apparti l-fatt illi huwa gieli nnotifika lir-rikorrenti Avukat Dottor Mariella Schembri Gonzi fl-ufficju taghha fl-edificju tal-Qorti.

*xviii.* Illi inoltre, ghalkemm l-esponenti jikkonfermaw illi b'nota tad-19 ta' Novembru 2020 issenjalaw illi Dottor Tonio Azzopardi ma baqax l-avukat ta' fiducja taghhom u ma indikaw ebda avukat iehor li kien ser jirrappreżentahom, jirrilevaw illi apparti l-imsemmi Dottor Tonio Azzopardi huma kienu qed jiġu assistiti wkoll mill-Avukat Dottor Mariella (Maria Elizabetta) Schembri Gonzi, tant illi hija ffirmat kemm ir-rikors
tal-appell kif wkoll l-imsemmija nota tad-19 ta' Novembru 2020, tant illi isimha jidher wkoll fil-lista tal-*"Partijiet illinkjati ma' din il-kawża - Avukati"* fuq is-sistema *eCourts*, u dan kif jirrizulta mid-*"Dok. G"* hawn anness.

*xix.* Illi b'rikors tat-13 ta' Mejju 2021, *"Dok. H"* hawn anness, ir-rikorrenti talbu lill-Onorabbli Qorti tal-Appell tordna r-riappuntament tal-appell fl-interess tal-gustizzja u smigh xieraq wara li l-appell mar dezert fis-seduta tat-2
ta' Marzu 2021, u dan ghar-ragunijiet hemm indikati f'dak it-tali Rikors.

*xx.* Illi b'digriet tal-11 ta' Gunju 2021, *"Dok. I"* hawn anness, l-Onorabbli Qorti tal-Appell qieset illi ma kienx hemm xi nuqqas procedurali fl-iter ta' dawn il-proceduri li jista' jwassal ghal xi ksur, u ghalhekk cahdet it-talba.

*xxi.* Illi skond sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza Rikors Nru. 68/2014 MCH fl-ismijiet *Mikiel Farrugia vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar* deciza fil-11 ta' Marzu 2015, inghad illi ***"Id-dritt ta' smigh xieraq jippresupponi d-dritt li jigi notifikat u jippartecipa attivament fil-proceduri quddiem din il-Qorti."***

*xxii.* Illi d-dikjarazzjoni ta' dezerzjoni ta' l-appell minghajr smiegh tqajjem kwistjoni ta' nuqqas ta' smiegh xieraq skond l-Artikolu 39 tal-Kostituzjzoni ta' Malta u skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li huma bhala parti fil-kawza kellhom kull dritt li jinstemghu qabel ma tittiehed decizjoni li teffettwa d-drittijiet civili u d-drittijiet ta' azzjoni taghhom. *Vide* f'dan is-sens sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-atti tac-Cit. Nru. 1235/91 *AJM John Bugeja ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Bugeja Bros. Limited vs Kummissarju ta' l-Artijiet*, deciza mill-istess Qorti fil-15 ta' Jannar 2002.**

*xxiii.* Illi ta' min jinnota wkoll illi dan kollu gara fl-eqqel ta' pandemija matul liema perijodu il-Qrati tal-Gustizzja, inkluz ir-Registru, saru prattikament inaccessibbli u inhargu bosta direttivi, fil-maggior parti taghhom ta', stante illi l-operat tal-Qrati u tar-Registru huwa regolat mil-Ligi, u b'hekk ma setax, b'semplici direttiva u/jew ordni, r-Registratur tal-Qorti, jiddeciedi illi jillimita l-access ghall-Qrati u ghall-atti tal-Qorti li huma kollha pubblici. Tant hu hekk illi fl-istess gimgha illi gie dikjarat dezert
l-appell in kwistjoni s-S.T.O. Prim' Imhallef Mark Chetcuti hareg direttiva li kull kawza mhux ta' natura urgenti ghadha tigi differita. Fl-isfond ta' dan kollu l-affarjiet messhom tmexxew b'aktar kawtela u mhux kif gara fil-kaz odjern.

*xxiv.* Illi fl-isfond ta' dan kollu wiehed kien jippretendi illi f'dawn ic-cirkostanzi eċċezzjonali u bla preċedenti l-affarjiet kellhom jitmexxew b'mod aktar kawt u mhux b'mod akar laxk mis-soltu.

*xxv.* Illi inoltre, l-Art. 818(2) ċaħħad lir-rikorrenti mill-opportunità li juru li l-proceduri fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 1149/2009 AF fl-ismijiet

Mary u George konjugi Zammit vs Rosemary Gonzi, Michael Gonzi, Dr. Mariella Schembri Gonzi u John Gonzi tmexxew bla ma tħares il-prinċipju *audi alteram partem* fl-istadju tal-appell, u huwa għalhekk u minhabba dan id-divjet procedurali u nuqqas ta' rimedju ordinarju iehor illi huma issa qed jfittxu rimedju kostituzzjonali.

*xxvi.* Illi tul il-hames snin illi dam biex jiġi appuntat l-appell ghas-smiegh l-imghax fuq is-sorte ta' €136,579.59 akkumula gmielu tant illi lahaq is-somma ta' €200,803.46c, kif jirrizulta mill-mandat ta' sekwestru hawn anness u mmarkat bhala *"Dok. J"* hawn anness, u dan kawza biss tad-dewmien minn naha tal-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali biex jappunta l-appel ghas-smiegh, minghajr ebda tort da parti tar-rikorrenti u a skapitu tal-istess rikorrenti.

*xxvii.* Illi skont Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni, *"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali, kulħadd huwa ntitolat għal xi smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi."* Illi l-istess dritt ta' smiegh xieraq huwa protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta bl-Artikolu 39. Dan id-dritt mhuwiex wieħed teoretiku jew illużorju, imma prattiku u effettiv. Artiklu 6 jitkellem dwar *"smiegħ."* Ma jitkellem xejn dwar l-istadju ta' meta s-smiegħ ikun intemm. L-Qorti Ewropeja, fis-sentenza ***Delcourt***, stabbiliet li f'soċjeta` demokratika kif imfissra fil-Konvenzjoni, id-dritt għall-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja għandu post tant prominenti li nterpretazzjoni restrittiva tal-Art. 6(1) ma jikkorrispondix mal-iskop tal-istess disposizzjoni. Għalhekk l-istess Qorti tagħti nterpretazzjoni estensiva u teleoloġika biex ma tħallix it-tnaqqir tal-garanziji li jagħti l-Art. 6(1) mhux biss waqt il-proċediment ġudizzjarju, imma wkoll qabel u wara: qabel, billi tgħasses kemm fuq in-nuqqas ta' ntroduzzjoni, ir-restrizzjoni jew l-abolizzjoni tal-proċess innifsu f'ċerti oqsma; wara, billi tassigura li d-deċiżjoni ġudizzjarja tiġi mwettqa.

*xxviii.* Illi fis-sentenza ***"Domenico Savio Spiteri vs A.G. et"*** **(Rik.Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001)** inghad li:- "Fis-sentenza *"St.Paul's Court Limited vs LOnor.P.M.et noe"* (Rik. Kost.

Nru: 552/96VDG) deciza fis-16 ta' Settembru 1998) l-istess Qorti sostniet li:- Kif tajjeb josservaw l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick:- *"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6 (1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

*xxix.* Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza ***"Kostovski vs The Netherlands"* (20 ta' Novembru 1989. Series A166 12 EHRR434)** li :- *"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

*xxx.* Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti *a priori* u specifikatament stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li inghad li:- *"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case". "The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement." ("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal" (1997) Dr. Roberta Gauci LL.D)".* Inoltre' fil-ktieb *"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"* ta' Andrew Grotrian jinghad illi:- *"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

*xxxi.* Illi minhabba dan kollu gew vvjolati d-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti biex b'hekk huma sofrew danni minhabba din il-lezjoni sa din it-tali ġurnata.

*xxxii.* Illi r-rikorrenti gew imcaħħda wkoll mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom *ossia* flushom, u dan minghajr ma gew moghtija kumpens xieraq għat-

tehid
ta' l-istess flus.

*xxxiii.* Illi fic-cirkostanzi gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ta' proprjetà kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja stante li huma ma rcevewx kumpens adegwat ghat-tehid ta' hwejjighom.

*xxxiv.* Illi r-rikorrenti ma kellhomx rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghax huma ma setghux jaghmlu ritrattazzjoni ai termini tal-Artikolu 811(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi kienu lahqu ghaddew hames snin mid-data tal-ewwel sentenza u dan minghajr htija da parti tar-rikorrenti.

*xxxv.* Illi kif diga inghad, minhabba dan kollu, l-esponenti garrbu lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 `tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba dewmien irragjonevoli biex jigu decizi il-proceduri Rikors Nru. 1149/2009 AF fl-ismijiet *Mary u George konjugi Zammit vs Rosemary Gonzi, Michael Gonzi, Dr. Mariella Schembri Gonzi u John Gonzi* mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u biex jigi appuntat l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri).

*xxxvi.* Illi kif tikteb Karen Reid fil-ktieb *"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights"*, 3rd Edition page 70 *"While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall".*

*xxxvii.* Illi fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti ghandhom jirċievu sia danni pekunjarji kif wkoll danni morali minghand l-intimat Avukat tal-Istat kawza tal-leżjoni li huma sofrew.

**Ghaldaqstant, ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:-**

I. Tiddikjara u Tiddeciedi illi ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti, inkluz izda mhux limitatament l-Artikolu 811(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bi ksur *inter alia* tal-Artiklu 6(1) (l-Ewwel Skeda) tal-Konvenzjoni Ewropea u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

II. Tiddikjara u Tiddeciedi illi b'konsegwenza ta' dan kollu r-rikorrenti sofrew telf ta' €200,803.46c, u dan minghajr il-hlas ta' kwalsiasi kumpens alternattiv u adegwat u li jirrifletti tali telf, liema telf sarraf fil-privazzjoni tar-rikorrenti mill-pussess tal-hwejjighom *ossia* flushom, oltre illi bl-applikazzjoni tal-ligijiet proċedurali vigenti, huwa gew prekluzi mill-Art. 818(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta milli juru li l-*proceduri fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 1149/2009 AF fl-ismijiet Mary u George konjugi Zammit vs Rosemary Gonzi, Michael Gonzi, Dr. Mariella Schembri Gonzi u John Gonzi* tmexxew bla ma tħares il-prinċipju *audi alteram partem* fl-istadju tal-appell, *ergo* cahhduhom mid-dritt ta' ritrattazzjoni, biex b'hekk gew u ghadhom qieghdin jigu vjolati d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

III. Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal dan it-tali telf ta' €200,803.46c soffert mir-rikorrenti b'konsegwenza tas-suespost u b'konsegwenza tal-ligijiet vigenti.

IV. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €200,803.46c bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

V. Tillikwida d-danni non-pekunjarji *ossia* danni morali sofferti mir-rikorrenti, oltre kull dannu iehor pekunjarju talvolta soffert mill-istess rikorrenti, ai termini tal-Ligi.

**VI. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jhallsu l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.**

**VII. Tordna illi jinghata kwalsiasi rimedju iehor idoneju u effiċjenti skond ma jista' jkun il-kaz.**

**Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni.**

Rat id-dokumenti[2] annessi mar-Rikors promotur.

Rat ir-**Risposta tal-intimat Avukat tal-Istat**[3], ipprezentata quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Jannar 2022, li permezz taghha wiegeb li:

1. Illi, preliminarjament, ir-rikorrenti **ma nqdewx minn, u ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji għad-disposizzjoni tagħhhom**. Kemm-il darba il-lanjanza tar-rikorrenti hija diretta lejn xi mankanza, negligenza jew omissjoni da parti ta' l-intimat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, u qegħdin jitolbu li jiġu reintegrati fid-dannu pekunjarju li allegatament sofrew riżultat ta' l-eżitu tal-proċeduri legali li jsemmu, allura r-rikorrenti messhom ittentaw kawża għad-danni kontra l-istess intimat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u/jew kontra l-Avukati li kienu jippatrocinawhom minħabba negligenza professjonali, fuq bazi ta' *culpa aquiliana,* qabel ma nehdew dawn il-proċeduri. Dan jingħad stante illi it-talbiet rikorrenti, partikolarment it-tieni (2) it-tielet (3), ir-raba' (4), u sitt (6) talbiet rikorrenti jitkelmu fuq dikjarazzjonijiet ta' responsabbiltà, ta' telf pekunjarju, l-applikazzjoni ta' imgħax u l-kundanna għal ħlas ta' dawk id-danni hekk stabbiliti. Dawn huma proċeduri ta' natura kostituzzjonali, mhux ta' *culpa aquiliana* u għaldaqstant, jekk ir-rikorrenti huma tal-fehma li huma ġarrbu xi telf minħabba l-aġir ta' ħaddieħor, għandhom jagħmlu t-talbiet tagħhom fil-forum adegwat u ma jġibux kawżi ta' danni ċivili quddiem qrati b'setgħat kostituzzjonali.

[2] Fol. 10 sa 70
[3] Fol. 75 sa 82

Konsegwentement, l-esponent huwa tal-fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *ai termini* tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni stante l-intempestività ta' din l-azzjoni.

2. Illi, preliminarjament, u mingħajr pregudizzju ghall-premess, **in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju**, stante li l-eżitu ta' din il-kawza tista' taffettwa kwalunkwe dritt akkwiżit minn Mary u George konjuġi Zammit permezz tal-ġudikat li jillanjaw dwaru r-rikorrenti, u ċ-ċertezza tal-ġudikat stess, partikolarment jekk, f'kaz ta' eżitu favorevoli għar-rikorrenti, u bl-applikazzjoni tas-seba' (7) talba, dina l-Onorabbli Qorti kellha, bħala rimedju, tordna jew li r-rikorrenti jistgħu jitolbu r-ritrattazzjoni tal-każ, jew inkella tordna t-tħassir tad-digriet ta' deżerzjoni tal-Qorti ta' l-Appell, u r-riappuntament ta' l-appell għas-smigħ u trattazzjoni.

3. Illi, preliminarjament, u mingħajr pregudizzju ghall-premess, tenut kont dan hawn fuq premess, jigi eċċepit **l-irritwalità tat-tielet (3) talba**, stante li hija t-tipika talba dikjaratorja għal responsabilità ċivili għal danni li ssib f'kawżi għad-danni quddiem il-Qrati ordinarji, u jirrifletti effettivament il-fatt li r-rikorrenti qegħdin iħawdu r-rimedju ordinarju li kellhom mar-rimedju aħħari kostituzzjonali. Kieku ma kienx hekk, l-istess rikorrenti kienu jindunaw weħidhom li digà talbu dikjarazzjoni li b'effett tal-lezjonijiet allegati sofrew id-dannu pekunjarju pretiż fit-tielet talba fit-tieni talba stess, u r-raba' talba hija effettivament talba għal rimedju pekunjarju fl-istess somma. Għaldaqstant din it-talba hija rrita u superfluwa, u għandha tigi skartata.

4. Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess**, jeħtieg illi r-rikorrenti jindikaw b'mod ċar, preċiz u inekwivoku liema huma d-disposti tal-Liġi li huma qed jattakkaw** permezz ta' dawn il-proċeduri, u mhux jifirxu b'mod wiesgħa bl-użu tal-kliem '*inkluż izda mhux limitat*' jew '*u bl-operazzjoni ta' liġijiet vigenti*'. Jew ir-rikorrenti jafu liema disposti tal-Liġi allegatament iledulhom d-drittijiet fondamentali tagħhom, jew inkella ma jafux. Dan in-nuqqas da parti tar-rikorrenti qiegħed jippreġudika l-linja difensjonali ta' l-esponent, in kwantu ma jafx liema huma eżattament l-Artikoli tal-Liġi li għandu jindirizza in linea difensjonali, u jrid jassumi liema huma. **Jekk ir-rikorrenti ma jirrettifikawx il-pożizzjoni taghhom, b'riżerva ċara li l-esponent,**

**occorrendo, jintavola eċċezzjonijiet ulterjuri, l-esponent ikun kostrett jeċċepixxi, permezz ta' din l-istess eċċezzjoni, in-nebolizità ta' l-azzjoni, u l-konsegwenti nullità taghha**;

**EĊĊEZZJONIJIET FIL-MERTU**

5. Illi **fil-mertu**, it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jisthoqq li jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, stante li r-rikorrenti ma sofrew ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, kuntrarjament għal dak li jallegaw.

6. Illi fir-rigward ta' **l-ewwel (1) talba**, din ma tistax tintlaqa' kif dedotta stante li l-Artikolu 811 (2) ma jeżistix fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant huwa impossibbli li tinstab leżjoni abbażi tiegħu.

7. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, sa fejn l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba huma msejsa fuq allegata leżjoni ta' **l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, jingħad li huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li f'analiżi ta' allegazzjoni ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, dan l-istħarriġ irid ikun tal-proċess fit-totalità tiegħu u mhux ta' xi aspett partikolari f'iżolament. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-ġurisprudenza żviluppata minn dawn l-artikoli jelenkaw modijiet ta' kif smigħ xieraq jiġi mħares: l-indipendenza u l-imparzjalità tal-forum, proċeduri avversarji, il-parità tal-armi u l-pubbliċità fost oħrajn. Dak li qiegħed jiġi salvagwardjat huwa d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq u mhux, kif donnhom qed jippretendu li għandhom ir-rikorrenti, dritt fundamentali għal ritrattazzjoni li ma jeżistix.

8. Illi r-rikorrenti ma jistgħux jinqdew minn proċeduri kostituzzjonali, jew jippretendu leżjoni taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja sempliċiment għaliex ma għoġobhomx kif il-kawża tagħhom ġiet determinata.

9. Illi f'kwalunkwe sistema li ġenwinament tħares il-prinċipji ta' smigħ xieraq, il-prevedibbiltà tal-liġi hi punt fundamentali. Kwalunkwe sistema għandha bżonn liġijiet proċedurali sabiex kwistjonijiet li jqumu

minn żmien għal żmien matul proċeduri ġudizzjarji jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod uniformi u b'mod li kull persuna tkun tista' tipprevedi x'għandu jew x'jista' jiġri.

10. Illi huwa f'dan il-kuntest li l-ilment tar-rikorrenti għandu jiġi mistħarreġ. Mingħajr ebda tlaqlieq, is-sitwazzjoni li minnha jilmentaw ir-rikorrenti hi waħda li ġabu b'idejhom bit-traskuraġni tagħhom, u saħansitra, l-esponent jazzarda jghid, minħabba negligenza professjonali taż-żewg avukati firmatarji. Ir-rikorrenti ressqu appell u kien l-obbligu tagħhom li jsegwuh u jieħdu ħsieb u interess li jkunu proċeduralment korretti u konformi ma' dak li tistenna l-Liġi. L-appell kellu jiġi notifikat lill-appellati fi żmien sena u dan ma għamluhx. Ir-rikorrenti kienu jafu jew messhom kienu jafu x'inhuma l-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas, partikolarment bil-konsiderazzjoni li wahda mir-rikorrenti hija avukat li taħdem fil-Qorti. Kellhom ħin ampju biex jirregolaw il-posizzjoni tagħhom iżda minkejja t-trapass ta' ħames (5) snin, naqsu milli jagħmlu dan.

11. Illi l-konsegwenza ta' dawn in-nuqqasijiet kienu prevedibbli. Il-Qorti tal-Appell analizzat is-sitwazzjoni fid-dawl tal-Liġi u mxiet preċiżament ma' dak li tordna l-Liġi. Ta' min wieħed ifakkar ukoll li fejn si tratta liġijiet ta' natura proċedurali, il-konformità u l-uniformità fl-applikazzjoni tagħhom huma aspetti fundamentali tagħhom, altrimenti jkun hemm sitwazzjoni ta' imprevedibilità u l-lok ta' arbitrarjetà bejn każ u ieħor.

12. Illi kien għalhekk li l-Qorti tal-Appell korrettement akkordat żmien lir-rikorrenti *ai termini* tal-Artikolu 963 (3) tal-Kap. 12 biex jirregolaw il-posizzjoni tagħhom u bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell kienet korretta meta sussegwentement iddikjarat l-appell deżert wara li rat li r-rikorrenti ma ottemperawx ruħhom ma' dak rikjest mil-Liġi.

13. Illi huwa proprju minħabba r-rigorożità li biha jistħoqq li għandhom jiġu osservati l-liġijiet proċedurali, u għall-fini ta' ċertezza legali għall-partijiet kollha involuti, li l-Artikolu 818 (2) jispeċifika li ebda ritrattazzjoni ma tista' ssir wara t-trapass ta' ħames (5) snin mill-għoti tal-ewwel sentenza. Din hi regola neċessarja sabiex jitħares il-prinċipju

li sentenza li tkun għaddiet in ġudikat hi waħda finali fuq il-materja li tkun ġiet deċiża. Kif diġà ngħad, ma hemm ebda jedd fundamentali għal ritrattazzjoni u l-fatt li r-rikorrenti spiċċaw f'posizzjoni fejn ritrattazzjoni mhiex possibbli fil-każ tagħhom ma tfissirx li huma ġarrbu leżjoni tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.

14. Illi r-rikorrenti jilmentaw ukoll li huma sofrew minn leżjoni tad-drittijiet tagħhom għall-proprjetà kif sanċiti mill-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**. L-esponent huwa perpless b'din l-allegazzjoni. It-telf li r-rikorrenti qegħdin jallegaw li ġarrbu hi r-riżultat ta' sentenza validament mogħtija.

15. Illi l-istess Artikolu 37 ma hux applikabbli ghal-lanjanza tar-rikorrenti skond din it-talba, u dan stante li ai termini ta' l-Artikolu 47(9) ta' l-istess Kostituzzjoni, ma jistax isir ilment dwar Ligijiet li daħlu fis-seħħ qabel is-sena 1962, jew dwar tali Liġijiet li ġew emendati sussegwentement ghal dik id-data. F'dan il-kaz, il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta dahal fis-sehh fis-sena 1855.

16. Illi apparti minn hekk, l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa improponibbli għall-każ odjern. Riferenza ssir għas-subartikolu (2) (h) tal-istess artikolu:

*"(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà –*
*[...]*
*(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati."*

Ġjaladarba ngħatat sentenza fil-konfront tar-rikorrenti fejn ġew ikkundannati jħallsu danni, spejjeż u mgħaxijiet, ma jistgħux jopponu għall-esekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni abbażi tal-Artikolu 37. Anke jekk l-appell tagħhom ġie dikjarat deċiż u ma kienx hemm ġudikat effettiv, l-effett tad-digriet ta' deżerzjoni effettivament huwa ċ-ċaħda ta' l-appell, bil-konsegwenza li d-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Prim'Istanza ssir effettivament *res judicata*.

17. Illi bl-istess mod, l-invokazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll hi nfondata. Interferenza fid-dritt tal-proprjetà hi kompatibbli mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll meta hi waħda legali, jkun hemm għan leġittimu u tkun raġonevolment proporzjonata mal-iskop tal-interferenza. Fil-każ odjern, ingħatat sentenza fil-konfront tar-rikorrenti fejn ġew ikkundannati jħallsu danni, spejjeż u mgħaxijiet. L-esekuzzjoni ta' sentenzi hi miżura li tissodisfa t-testijiet kollha tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll. *Di fatti*, u proprju abbażi tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, jeżisti *positive obligation* fuq stati firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea biex sentenzi mogħtija fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom ikunu jistgħu jiġu enforzati minn kredituri kontra d-debituri tagħhom.

18. Illi ma tista' tirriżulta ebda leżjoni bi ksur ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll meta kwalunkwe deprivazzjoni ta' proprjetà tkun ir-riżultat ta' l-esekuzzjoni ta' vertenza bejn partijiet privati, u l-uniku obbligu li l-Istat għandu huwa li jassigura li l-partijiet kollha igawdu minn *level playingfield* billi jipprovdi qafas legali, sostantiv u proċedurali li jiggarantixxi ċertezza legali u l-infurzar ta' drittijiet, sia għall-parti attriċi kif ukoll dik konvenuta:

> *"91. Proceedings concerning a civil-law dispute between private parties do not engage by themselves the responsibility of the State under Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention (Ruiz Mateos v. the United Kingdom, Commission decision, pp. 268 and 275; Gustafsson v. Sweden [GC], § 60; Skowroński v. Poland (dec.); Kranz v. Poland (dec.); Eskelinen v. Finland (dec.); Tormala v. Finland (dec.); Rustavi 2 Broadcasting Company Ltd and Others v. Georgia, § 310). The mere fact that the State, through its judicial system, provides a forum for the determination of a private-law dispute does not give rise to an interference by the State with property rights under Article 1 of Protocol No. 1 (Kuchař and Štis v. the Czech Republic, Commission decision), even if the substantive result of a judgment given by a civil court results in the loss of certain "possessions". It is, however, part of the States' duties under Article 1 of Protocol No. 1 at least to set up a minimum legislative framework including a proper forum allowing those who claim that their right had been infringed with to assert their rights effectively and have them enforced. By failing to do so*

*a State would seriously fall short of its obligation to protect the rule of law and prevent arbitrariness (Kotov v. Russia [GC], § 117)."*[4]

19. Illi, inoltre, l-ġurisprudenza nostrali tgħallimna li ma tirriżultax leżjoni ta' drittijiet fundamentali jekk l-ilment, u konsegwentement ir-rimedju pretiż, ikun effettivament spekulazzjoni fuq l-eżitu ta' kawża (vide **Franco Buttigieg pro et noe vs Avukat Generali et**, deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' April 2021, App. Civ. 10/15):

*"13. F'kull każ din il-Qorti ma tistax issib ksur tad-dritt tar-rikorrenti għall-godiment liberu tal-proprjetà tagħhom abbażi ta' dak li mhi xejn ħlief spekulazzjoni dwar x'kien ser ikun l-eżitu tal-kawża."*

20. Illi meqjus dan kollu, ir-rikorrenti ma ġarrbu ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom u għaldaqstant it-talbiet kollha tagħhom għandhom jiġu miċħuda.

**DWAR TALBIET GĦAL RIMEDJU**

21. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-sottomissjonijiet li ġejjin *in linea* difensjonali jolqtu r-raba' (4), l-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) talbiet.

22. Illi fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ xi ksur ta' dritt jew drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, ir-rimedju prospettat mir-rikorrenti fir-raba' (4) talba, ossia li jitħallsu xejn inqas minn mitejn elf tmien mija u tlett Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€200,803.46) m'għandiex tintlaqa'. Jekk dan l-ammont kien jirrappreżenta s-sorte, imgħax u spejjeż ta' dik il-kawża, dan ma jfissirx li kieku l-appell instemgħa u ġie deċiż kienu jirbħu awtomatikament, u jiffrankaw li jħallsu dawn il-flus, jew parti minnhom. Il-pretensjoni kif dedotta fit-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) talba tippreżumi ċertezza li kieku r-rikorrenti tħallew jittrattaw l-appell, jew tħallew jitolbu r-ritrattazzjoni tal-każ, l-eżitu kien ikun skontat u favurihom.

[4] Guide on Article 1 Protocol No 1 to the European Convention on Human Rights – The Right to Property [Updated 30/04/21] – p.21 Para 91

23. Illi apparti dak hawn fuq premess, l-esponenti jikkontesta wkoll il-pretensjoni ta' imgħax fuq is-somma pretiża, stante li se jikkostitwixxi wkoll imgħax fuq imgħax.

24. Illi l-esponenti jopponi għall-ħames (5) talba għar-rigward ta' danni non-pekunjarji. Dawn jippreżumu kumpens għall-iskariġġ u *pain and suffering* li r-rikorrenti jkunu allegatament soffrew. L-esponent jissottometti bir-rispett illi dan ċertament ma hux mistħoqq *considerando* li, kif digà premess, il-kawża kienet tar-rikorrenti, u l-appell ukoll, u kellhom jieħdu interess li jsewgwuh, u dak li ġara kien effettivament traskuragni *da parti* tagħhom u ta' l-avukati li ppatroċinawhom, inkluż waħda mir-rikorrenti stess – din l-eċċezzjoni ssir *in linea* mal-massima *volenti non fit iniuria*.

25. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ripetutament jilmentaw kif l-appell tagħhom ġie dikjarat deżert u kif huma ma kellhomx l-opportunità li jitolbu li ssir ritrattazzjoni. Tenut kont tal-fatt li fis-seba' (7) talba tagħhom ir-rikorrenti stess talbu li jingħataw kwalsiasi rimedju ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti, hija l-umli fehma ta' l-esponent li ir-rimedju xieraq għar-rikorrenti jkun li jithassar id-digriet ta' deżerzjoni, u li l-appell jigi riappuntat ghat-trattazzjoni, prevja li l-istess rikorrenti jaderixxu ma' l-obbligi proċedurali tagħhom kollha, jew inkella ordni fis-sens li r-rikorrenti jingħataw id-dritt li jitolbu li ssir ritrattazzjoni.

26. Illi għalhekk, peress li dawn il-proċeduri jistgħu jwasslu għal xi forma ta' deċiżjoni li tista' tolqot is-sentenza mogħtija fil-każ *Mary u George konjuġi Zammit vs. Rosemary Gonzi, Michael Gonzi, Dr. Mariella Schembri Gonzi u John Gonzi [Rikors Ġuramentat 1149/2009 AF],* a skans ta' ripetizzjoni jingħad li **jkun opportun li r-rikorrenti jikkunsidraw li jikkjamaw in kawża lill-kontro-parti tagħhom, Mary u George konjuġi Zammit għall-integrità fil-ġudizzju** u stante li, *nonostante* li dawn huma proċeduri kostituzzjonali, id-drittijiet u l-obbligi ċivili tagħhom potenzjalment jistgħu jiġu affetwati mir-rimedju mogħti f'dawn il-proċeduri, u dan sabiex, f'kaz ta' ezitu favorevoli ghar-rikorrenti, l-istess terzi ma jikkunsidrawx huma stess xi proceduri legali oħra minħabba li huma ma ġewx inklużi f'kawza li effettivament tikkonċernahom u l-eżitu tagħha jista' jaffettwahom.

27. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

**Rat ir-Risposta tal-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali**[5],ipprezentata quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-18 ta' Frar 2022, li permezz taghha wiegeb li:

1. Illi ***in linea* preliminari** jigi eccepit illi l-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi tar-rikorrenti u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

2. Illi ***in linea* preliminari** wkoll jigi eccepit illi l-azzjoni odjerna hi intempestiva stante li r-rikorrenti ma esawrixewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom skont il-ligi u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors promotur odjern.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost b'riferenza ghal dak li inghad fir-rikors rigward ir-riferta tal-marixxall, jigi rilevat illi l-indirizzi ndikati fir-rikors t'appell mill-appellanti stess kienu '*Rosemary Gonzi et – 199, Tower Road Sliema u George Zammit et 'Mary Grace', Leli Falzon Street, Naxxar'*. Meta l-marixxall assenjat fid-distrett tas-Sliema mar jinnotifika fl-indirizz indikat irrizultalu li kellu l-*flat number* nieqes u stante li din kienet blokka appartamenti ma setax ikun jaf f'liema appartament kellu jhabbat. B'riferenza ghan-notifika ta' George Zammit et, meta l-

[5] Fol. 84 sa 85

marixxall marret tesegwixxi n-notifika (mhux l-istess marixxall li mar jesegwixxi n-notifika tas-Sliema) in-numru tal-bieb ma kienx indikat u l'isem tad-dar 'Mary Grace' ma sabitux u dan kif indikat fir-riferti li ghamlu l-istess marixxalli.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba ma tistax tigi akkolta stante li l-artiklu tal-Ligi indikat u cioe` l-artikolu 811(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jezistiex u ghaldaqstant huwa impossibli li tinstab lezjoni abbazi tal-artiklu indikat;

6. Illi in oltre l-esponent ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u ghalhekk zgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proceduri.

7. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:

   *'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, <u>huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi</u> – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.*

8. Illi in oltre ssir riferenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali Qrati et;**

9. Illi fil-meritu l-eccipjenti jirrileva illi ma kien hemm ebda ksur kif lamentat mir-rikorrenti u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

10. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjez kontra l-stess rikorrenti.

Rat li, b'ordni ta' din il-Qorti tat-13 ta' April 2023[6], issejhu f'din il-kawza George Zammit u Mary Zammit ("Kjamati fil-kawza").

Rat ir-Risposta[7] tal-**kjamati fil-kawza konjugi Zammit** ipprezentata quddiem din il-Qorti fl-24 t'Awissu, 2023 li permezz taghha wiegbu li:

1. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija intiza sabiex jigi dikjarat u deciz illi "gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti bi ksur inter alia tal-Artiklu 6 (1) (l-ewwel skeda) tal-Konvenzjoni Ewropea u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta" u illi "per konsegwenza ta' dan kollu ir-rikorrenti sofrew telf ta' €200.803.46……..illi huma gew prekluzi mill-Artiklu 818(2) tal-Kap 12 milli juru l-proceduri fl-atti tar-rikors Guramentat 1149/2009………tmexxew bla ma thares il-principju audi alteram partem fl-istadju tal-appell, ergo cahhduhom mid-dritt ta' Ritratazzjoni, biex b'hekk gew u ghadhom qeghdin jigu vjolati d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea" u allura "konsegwentament illi l-intimati (ossija ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u/kew l-Avukat tal-Istat izda mhux l-esponenti) huma responsabbli ghal dan it-telf ta' €200,803.46 sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tas-suespost u b'konsegwenza tal-ligijiet vigenti" u allura l-istess rikorrenti talbu ukoll illi l-istess intimate jew min minnhom jigu ikkundannati "ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' €200,803.46 bl-imghax legali mid-data tal-presentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament". Ir-rikorrenti imbghad inoltre talbu

[6] Ara provvediment, fol. 148 sa 153
[7] Fol. 159 sa 160

illi jigu likwidati id-danni non-pekunarji ossija danni morali oltre kull dannu iehor pekunjarju talvolta soffert mill-istess rikorrenti u illi l-istess intimate jigu ikkundannati ihallsu l-istess kumpens u danni pekunarji u non-pekunarji hekk likwidati bl-imghax legali u fl-ahhar nett talbu illi din il-Qorti "tordna illi jinghata kwalsiasi rimedju iehor idoneju u efficjenti skond ma jista' jkun il-kaz."

2. Illi l-Avukat tal-Istat fl-ahhar paragrafu tar-Risposta tieghu issottometta illi "peress illi dawn il-proceduri jistghu jwasslu ghal xi forma ta' decizjoni li tista' tolqot is-sentenza moghtija fil-kaz Rikors Guramentat 1149/2009" talab illi jigu ikkjamati in kawza l-esponenti "ghall-integrita' tal-gudizzju u stante li nonostante li dawn huma proceduri kostituzzjonali id-drittijiet u obbligi civili taghhom potenzjalment jistghu jigu affettwati mir-rimedju moghti f'dawn il-proceduri, u dan sabiex f'kaz ta' ezitu favorevoli ghar-rikorrenti l-istess terzi ma jikkonsidrawx huma stess li jistitwixxu xi procedure legali ohra minhabba li ma gewx inkluzi f'kawza li effettivament tikkoncernahom u l-esitu taghha jista' jaffettwahom."

3. Illi jigi rilevat illi l-esponenti ma jistghu qatt jirrispondu ghat-talbiet tar-rikorrenti, kif maghmulha, billi, mhux biss, ma hemm xejn allegat fil-premessi tar-rikors, illi talvolta jista' jitfa xi responsabilta' ghal dak li gara u cioe id-deverzjoni tal-appell, fuq l-esponenti, izda, kif dejjem gie ritenuto f'kawzi bhal dawn, huma ma humiex il-legittimi kontraditturi tar-rikorrenti. Dawn huma procedure kostituzzjonali u bhala tali ir-rimedju li, se mai, jista' ghandhom ir-rikorrenti, ma jintitholahomx li jkollhom xi drittijiet fil-konfront tal-esponenti. Jekk, dato ma non concesso, kellu jigi rintenut illi r-rikorrenti ghandhom xi drittijiet, semmai dawn huma fil-konfront tal-intimati l-ohra jew minnhom u mhux kontra l-esponenti li ma kellhom u ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dak lamentat mir-rikorrenti. L-esitu tal-kawza odjerna ma jaffettwa bl-ebda mod lill-esponenti.

4. Ghal dawn il-motivi it-talbiet rikorrenti, kif formulate, ma jistghux jintlaqghu kontra l-esponenti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes fil-konfront tal-esponenti

5. Salv kontestazzjoni ulterjuri skond il-ligi.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et (Rik. Gur. Nru. 1149/2009AF)**, inkluz l-atti tal-appell relattiv dikjarat dezert fit-2 ta' Marzu 2021, allegati mal-atti ta' din il-kawza[8].

Rat l-affidavits u d-dokumenti pprezentati mill-partijiet.

Semghet lix-xhieda mressqa minnhom.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-miktub prezentati fl-ahhar stadju tal-kawza.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Ottubru 2024, li permezz tieghu issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, filwaqt li ssollevat *ex ufficio* l-eccezzjoni tal-gudikat, u tat lill-partijiet kollha fil-kawza l-fakulta' li jressqu provi u jaghmlu sottomissjonijiet fir-rigward.

Rat is-sottomissjonijiet ulterjuri prezentati mir-rikorrenti dwar din l-eccezzjoni tal-gudikat.

**Ikkunsidrat li:**

1. Dan huwa lment kostituzzjonali li permezz tieghu r-rikorrenti jallegaw li garrbu lezjoni tal-jeddijiet fundamentali taghhom protetti bl-**art. 37** u **39** tal-Kostituzzjoni, u bl-**art. 6**, u bl-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll** tal-Konvenzjoni Ewropea, meta bid-decizjoni taghha moghtija fit-2 ta' Marzu 2021, il-Qorti tal-Appell iddikjarat dezert l-appell li huma ntavolaw hames snin qabel mis-sentenza fl-ismijiet **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et** (Rik. Gur. Nru. 1149/09AF), moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-16 ta' Frar 2016.

2. L-intimati Avukat tal-Istat u Registratur tal-Qorti jikkontestaw din il-pretensjoni, u jinsistu li r-rikorrenti kellhom

[8] Ara ordni allegazzjoni, fol. 89

rimedji ordinarji ghal-lanjanzi taghhom, partikolarment biex jottjenu r-rimedji li qed ifittxu ghalihom bit-talbiet imressqa f'din l-istanza. Jghidu wkoll li d-dezerzjoni tal-appell intavolat mir-rikorrenti saret korrettement u skond il-ligi u kienet frott in-nuqqasijiet tal-istess rikorrenti, u mhux b'xi nuqqas fil-ligi sostantiva. L-intimat Registratur tal-Qorti, u l-kjamati fil-kawza Zammit jeccepixxu wkoll li mhumiex legittimi kuntradittturi ghat-talbiet imressqa mir-rikorrenti f'din il-kawza.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

3. Mid-dokumenti annessi mar-Rikors promotur, li fil-parti l-kbira taghhom huma kopji tal-atti gudizzjarji inkluzi fil-process tal-kawza fil-mertu **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et (Rik. Gur. Nru. 1149/2009AF)**, u mill-process hekk allegat, jirrizulta li:

(i) l-imsemmija kawza kienet deciza minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-16 ta' Frar 2016, b'kundanna kontra r-rikorrenti odjerni sabiex ihallsu lill-atturi Zammit is-somma ta' €136,579.59 (mija u sitta u tletin elf hames mija u disgha u sebghin Ewro u disgha u hamsin centezmu), bl-imghax mid-data tas-sentenza, u bl-ispejjez tal-kawza;

(ii) permezz ta' Rikors iffirmat mill-avukati Tonio Azzopardi u Mariella Schembri Gonzi, li kienet ukoll wahda mill-appellanti u llum hija wahda mir-rikorrenti f'dan il-process, u pprezentat fl-4 ta' Marzu 2016, ir-rikorrenti appellaw minn dik is-sentenza. Dak ir-Rikors tal-Appell ma giex notifikat lill-appellati konjugi Zammit (Kjamati fil-kawza odjerna) fi zmien sena, fit-termini tal-**art. 963(1)** tal-Kap. 12, u baqa' qatt ma kien notifikat lill-istess konjugi Zammit[9];

(iii) fis-7 ta' Marzu 2016[10], l-istess avukati ghan-nom tal-appellanti (rikorrenti llum) ipprezentaw rikors b'talba ghal permess

[9] Sar tentattiv ta' notifika wiehed, fit-8 ta' Marzu 2016, li rrizulta fin-negattiv, mill-marixxall Eugenio Mallia, fol. 377 (*tergo*) tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[10] Fol. 400 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell

biex jissollevaw tlett eccezzjonijiet perentorji godda fi stadju ta' appell. B'digriet tas-17 ta' Marzu 2016, il-Qorti tal-Appell ordnat *"in-notifika tieghu lill-kontro-parti b'gimgha zmien ghar-risposta"*[11]. Sar tentattiv wiehed ta' notifika lill-appellati konjugi Zammit (Kjamati fil-kawza odjerna) fit-22 ta' Marzu 2016, mill-marixxall Eugenio Mallia, li rregistra li mar fit-8.15am fl-indirizz indikat u ma fetah hadd[12]. Minkejja dan, l-appellati Zammit wiegbu ghal dan ir-Rikors tas-7 ta' Marzu 2016 b'Risposta pprezentata fit-22 ta' Marzu 2019, li fiha ddikjaraw li *"gew notifikati bir-rikors tal-konvenuti appellanti tal-07 ta' Marzu 2016 fil-21 ta' Marzu 2016"*[13]! Mill-atti, ma tirrizultax riferta ta' marixxall tal-Qorti li tikkonferma dan. B'digriet tal-20 ta' Mejju 2016, il-Qorti tal-Appell provdiet li *"Regghet rat ir-rikors; Rat ir-risposta; Tirrizerva li tipprovdi ulterjorment dwar ir-rikors wara li tisma lill-partijiet fir-rigward"*[14];

(iv) b'nota pprezentata fid-19 ta' Novembru 2020 mill-appellanti, u avukat tal-appellanti, Dr. Mariella Schembri Gonzi, l-appellanti nformaw lill-Qorti tal-Appell *"illi Dr. Tonio Azzopardi mhuwiex iktar l-Avukat tal-fiducja taghhom"*;

(v) b'digriet tat-3 ta' Frar 2021, u cioe erba' snin u hdax-il xahar wara li kien pprezentat l-appell mir-rikorrenti, il-Qorti tal-Appell harget l-avviz tas-smigh u tal-hlas tal-kawtela tad-drittijiet lill-appellanti, rikorrenti odjerni, b'appuntament ghas-smigh tal-appell taghhom ghas-16 ta' Frar 2021;

(vi) fuq il-*folder* tan-notifika ta' dan id-digriet, mahrug mill-Qorti ta' l-Appelli Civili (Superjuri), ir-rikorrenti odjerni kienu ndikati bhala: *"Gonzi Rosemary et - 199, Triq it-Torri, Sliema"*[15] filwaqt li l-avukati taghhom kienu ndikati li huma *"Azzopardi Antonio"*[16] u

---

[11] Fol. 401 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[12] Fol. 400 (*tergo*) tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[13] Fol. 403 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[14] Fol. 402 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[15] fol. 407 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[16] fol. 407 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell

*"Schembri Mariella (Maria Elizabetta)"*[17]. Sar tentattiv wiehed ta' notifika b'dan id-digriet, kemm lill-appellanti Gonzi, u anke lill-appellati Zammit. Ir-riferta tal-appellanti Gonzi, datata 5 ta' Frar 2021, u ffirmata u ttimbrata mill-marixxall John Francica, taqra hekk:

> ***"Nghid u nizgura li ma nnotifikajtx lil Gonzi Rosemary et b'kopja ta' Avviz bil-Kawtela billi meta fi 05 Feb 2021 mort fl-indirizz moghti Sliema. Nixtieq numru tal-flat pls u b'dan gharraft permezz ta' ittra lil DR/PL …. 16.45pm B.B Cempilt flat 1 u ma fetah hadd"***[18]

Huwa pprezenta kopja ta' ittra, li ma tindikax lil min sar tentattiv biex tkun komunikata, b'avviz dwar din l-okkorrenza[19];

(vii) fuq l-istess *folder*, il-marixxall Sandra Grech irregistrat li fit-8 ta' Frar 2021:

> ***"Nghid u nizgura li ma nnotifikajtx lil Mary Zammit et b'kopja ta' Avviz Appell billi meta fi 8/02/2021 @ 8.00am mort fl-indirizz moghti Naxxar Ma sibtx Mary Grace fi Triq Leli Falzon – It-Triq twila hafna u kollha numri Indika in-numru tal-bieb – u b'dan gharraft permezz ta' Ittra lil Dr/PL"***

Hija wkoll prezentat kopja ta' ittra, li tidher li kellha tintbaghat lil *"M. Schembri"*, pero' mhix iffirmata mill-istess *"M. Schembri"* u ffirmata biss mill-marixxall Grech[20];

(viii) il-Qorti tal-Appell zammet zewg seduti f'dak l-appell, li fihom ma deher hadd:

(a) Fis-16 ta' Frar 2021, il-Qorti tal-Appell irregistrat hekk:

[17] fol. 407 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[18] fol. 407 (*tergo*) tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[19] Fol. 409 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[20] Fol. 410 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell

***"billi jirrizulta li ghalkemm hadd m'hu notifikat bl-avviz tas-smigh u bil-kawtela, l-appellanti, ghadhom sallum ma nnotifikawx lil appellati bir-rikors tal-appell promotur.***

***Il-Qorti qed taghti differiment wiehed biex l-appellant jottempera ruhu mal-ligi, u fin-nuqqas tiehu l-provvediment opportun, ghad-2 ta' Marzu 2021 fid-9.10am".***[21]

(b) Fis-smigh tat-2 ta' Marzu 2021, kien registrat hekk:

***"Meta ssejjah l-appell ma deher hadd.***

***Billi l-appell baqa' ma giex notifikat skond il-ligi, il-Qorti tiddikjara dan l-appell dezert"***.

(ix) B'Rikors[22] prezentat fit-13 ta' Mejju 2021, u ffirmat mill-avukati Edward Debono u Karl Micallef, l-appellanti (rikorrenti odjerni) talbu r-riappuntament tal-appell billi qalu li saru jafu ghall-ewwel darba bis-smigh tal-appell, u b'dak li gara wara, meta kienu notifikati b'avviz tal-intimat Registratur tal-Qorti biex ihallsu spejjez gudizzjarji konnessi ma' din il-kawza. Dan ir-Rikors kien notifikat lill-appellati Zammit (Kjamati f'din il-kawza) fil-21 ta' Mejju 2024, b'riferta tal-marixxall Sandra Grech[23], li pprezentaw Risposta fis-26 ta' Mejju 2024[24];

(x) permezz ta' digriet moghti fil-11 ta' Gunju 2021[25], il-Qorti tal-Appell iddecidiet hekk:

*1. Rat ir-rikors tal-appellanti Rosemary Gonzi et tat-13 ta' Mejju 2021 sabiex din il-Qorti tordna r-riappuntament tal-appell fl-interess*

[21] Fo. 411 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[22] Fol. 413 sa 415 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[23] Fol. 416 (*tergo*) tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[24] Fol. 417 sa 420 tal-atti allegati tal-kawza **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[25] Fol. 421 sa 423 tal-atti allegati tal-kawza Zammit vs Gonzi fi stadju ta' appell

*tal-gustizzja u smigh xieraq wara li l-appell mar dezert fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2021.*

*2. Rat ir-risposta tal-appellati li opponew ghal din it-talba.*

*3. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-appellanti pprezentaw rikors tal-appell fl-4 ta' Marzu 2016. Dan ir-rikors tal-appell qatt ma gie notifikat lill-appellati.*

*4. Fis-7 ta' Marzu 2016 gie prezentat rikors mill-appellanti biex jipprezentaw eccezzjoni ulterjuri oltre tnejn ohra li ipprezentaw fir-rikors tal-appell promotur. Dan ir-rikors gie notifikat lill-appellati li irrispondew ghalih fit-22 ta' Marzu 2016 u gie specifikat li r-risposta qed issir ghar-rikors tas-7 ta' Marzu 2016.*

*5. Fid-19 ta' Novembru 2020, l-appellanti pprezentaw nota fl-atti fejn gie sottomess illi Dr Tonio Azzopardi ma kienx aktar l-avukat ta' fiducja taghhom. Din in-nota giet prezentata minn wahda mill-appellanti* ***bla ma gie indikat ebda avukat iehor flok Dr Azzopardi.***

*6. L-appell gie appuntat ghas-16 ta' Frar 2021 fejn il-Qorti wara li rat li hadd mill-partijiet ma kien notifikat bl-avviz tas-smigh u l-kawtela, iddifferiet l-appell ghat-2 ta' Marzu 2021 bl-intiza li jekk l-appellant ma jottemperax ruhu mal-ligi, il-Qorti tiehu l-provediment mehtieg.*

*7. Fit-2 ta' Marzu 2021 rega' ma deher hadd, u wara li l-Qorti ddikjarat li l-appell baqa' ma giex notifikat skont il-ligi, l-appell gie dikjarat dezert.*

*8. L-appellanti jissottomettu li saru jafu bid-dezerzjoni fit-13 ta' Mejju 2021 meta ircevew l-avviz ghal hlas tar-registru tal-Qorti. Jghidu illi l-appellati ghalkemm mhux formalment notifikati bir-rikors tal-appell promotur, meta irrispondew ghar-rikors tas-7 ta' Marzu 2016, implicitament issokkombew ghar-rikors tal-appell billi ma saret ebda riserva fir-risposta. In oltre jishqu li l-iskop tal-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 hu sabiex jigi evitat li l-kawza tmur dezerta pero` billi l-appellanti ma kellhomx konoxxenza tal-appuntament billi r-riferta tal-avviz tas-smigh kienet negattiva, ma setghux jottemperaw ruhhom mad-digriet tas-16 ta' Frar 2021 u dan illedilhom id-dritt tas-smigh xieraq. Izid illi l-marixxall ma segwix dak li jrid l-Artikolu 152(2) tal-Kap. 12 peress illi ma nnotifikax lill-avukat tal-appellant li n-notifika tas-smigh ezegwita kienet negattiva.*

*Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***AJD Tuna Limited v. Direttur tal-Agrikoltura u Sajd et****, (24/08/2020):*

*"Illi, b'żieda ma' dan, il-Qorti jidhrilha li l-att imressaq minn AJD mhuwiex dak li kellha tinqeda bih biex setgħet tagħmel talba bħal dik li għamlet. Fid-dawl tal-fatt li l-effett immedjat ta' kawża li tkun marret deżerta fl-istadju tal-appell huwa dak li s-sentenza appellata ssir ġudikat (Art. 963(6) tal-Kap 12), jidher ċar li dak l-istat ma setax jinbidel b'talba magħmula b'rikors ħalli din il-Qorti taqleb il-provvediment "contrario imperio". Jekk AJD riedet tikseb rimedju, il-liġi tagħtiha li jagħmel dan bil-proċedura xierqa u mhux b'rikors biex din il-Qorti tibdel "contrario imperio" d-digriet li bih iddikjarat bħala deżert l-appell imressaq minnha (App. Ċiv. 6.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Jesmond Sammut vs Peter Aquilina**). Digriet "contrario imperio" jista' jingħata biss fejn il-kawża tkun għadha tinstema' u mhux fejn tkun saret ġudikat. Dan ifisser ukoll li, mqar jekk AJD kellha raġuni tajba, l-att li ressqet biex għamlet it-talba tagħha ma kienx jiswa;"*

*Ghal din ir-raguni biss dan ir-rikors ghandu jigi michud. Imma anki jekk ghal grazzja tal-argument din il-Qorti kellha tqis li fl-interess tal-gustizzja, fejn minghajr il-htija jew nuqqas tal-parti, jigi riskontrat nuqqas li tista' twassal ghal vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq ghandu jsir ezami tar-rikors. F'dan il-kaz ir-rikorrenti lanqas ma jsib raguni fil-mertu.*

***9. Il-Qorti tibda billi tissenjala illi l-marixxall ma setax isegwi dak li jrid l-Artikolu 152(2) tal-Kap. 12 peress illi l-appellanti fin-nota tad-19 ta' Novembru 2020 issenjalaw biss li Dr Azzopardi ma baqax l-avukat ta' fiducja taghhom pero ma indikaw ebda avukat iehor li kien ser jirrapprezentahom. Dan il-fatt wahdu filwaqt li juri li fejn riedu l-appellanti urew interess fl-appell taghhom pero` fl-istess waqt naqsu mid-dover taghhom billi sad-dezerzjoni tal-appell ma indikaw ebda avukat iehor li kien ser jirrapprezentahom.***

*10. L-appell huwa tal-parti li tressqu u ghandha tiehu hsieb illi issegwi l-proceduri specjalment dawk li ghandhom terminu marbut maghhom. L-appell kellu jigi notifikat fi zmien sena skont l-Artikolu 963(1) tal-Kap. 12. Dan hu zmien perentorju. Ghalkemm ghaddew hames snin mill-prezentata tal-appell u l-appellanti dahlu atti ohra fl-istess appell, ma mxewx mal-obbligu li jaraw li l-appell hu notifikat skont il-ligi. L-Artikolu 963(3) hu intiz biex l-atti, fejn hu possibbli jigu salvati, pero` il-Qorti ma tistax tiehu fuqha l-oneru tal-parti li ssegwi hi, dak li l-appellanti ghandhom bi dmir jiehdu hsieb huma.* ***Kien jispetta lill-appellanti jsegwu l-kors tal-appell***

***regolarment u dan seta' jsir facilment billi l-appuntamenti tal-Qorti huma accessibbli 'online', iktar u iktar meta kienu jew sprovisti minn avukat jew b'nuqqas taghhom ma indikawx lill-Qorti avukat iehor ta' fiducja. Dawn in-nuqqasijiet ma jahti hadd ghalihom hlief l-appellanti.***

*11. Lanqas ma huma korretti l-appellanti li l-appellati issokkombew ghall-appell tal-appellanti bir-risposta ghar-rikors tal-appellanti tas-7 ta' Marzu 2016. Dan mhux minnu tant illi diversi drabi gie dikjarat fir-risposta illi tali risposta kienet qed issir biss ghar-rikors tas-7 ta' Marzu 2016.*

*12. Il-Qorti ma tqis li kien hemm xi nuqqas proceduralli fl-iter ta' dawn il-proceduri li jista' jwassal ghal xi ksur, u ghalhekk qed tichad it-talba.*[26]

4. Ir-rikorrenti Rosemary Gonzi, u uliedha, xehdu fil-kawza odjerna bil-mezz tal-affidavits[27].

5. Ix-xiehda principali hija dik moghtija mill-avukat Dottor Mariella Schembri Gonzi[28]. Hija ddikjarat li l-kawza fl-ismijiet **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et** (Rik. Gur. Nru. 1149/09AF) kienet ilha deciza aktar minn hames snin meta xehdet. Fil-fehma taghha, u tal-familja taghha, is-sentenza moghtija f'dak il-process gudizzjarju kienet ingusta, u ghalhekk appellaw fit-terminu li riedet il-ligi, liema appell kien appuntat ghas-smigh hames snin wara li kien prezentat, minghajr l-gharfien taghha u tal-familja taghha li baqghu qatt ma kienu notifikati bl-avvizi tal-kawtela u tas-smigh. Skond hi, qatt ma kellhom diffikulta' biex ikunu notifikati bl-atti gudizzjarji, kif kienu ilhom ikunu notifikati ghal diversi snin. Hi u familtha kienu herqana jistennew l-appuntament tal-appell, anke ghaliex fil-frattemp kienu ghaddejjin kontra taghhom l-imghaxijiet legali skond is-sentenza appellata. Fil-frattemp, kienet lahqet faqqghet il-pandemija, u s-smigh tal-kawzi fil-Qorti kien twaqqaf, u dan hija tafu personalment ghaliex hija impjegata tal-intimat Registratur, u taghti s-servizzi taghha fil-bini tal-Qorti. Dr Schembri Gonzi kompliet tghid li saru

[26] Brani enfasizzati minn dina l-Qorti
[27] Fol. 93 sa 101
[28] Fol. 94 sa 96

jafu b'li kien gara fit-13 ta' Marzu 2021, meta kienu notifikati b'avviz biex ihallsu lir-Registratur billi l-appell taghhom kien mar dezert. Hija semmiet li l-marixxall John Francica jaf sew l-indirizz taghhom, ghaliex solitament hu jwettaq in-notifiki taghhom, u gieli cemplilha biex javzaha li kellu notifiki ghaliha. Din kienet l-ewwel darba li sab diffikulta' biex jinnotifikahom. Skond hi, fi zmien il-pandemija, il-membri tal-familja taghha kienu qed jahdmu u jistudjaw mid-dar[29] u ghalhekk tissuspetta li l-marixxall mhux veru mar biex iqassam in-notifika fl-indirizz moghti. Eventwalment, wara li sar mandat ta' sekwestru, li kien notifikat lilhom bla diffikulta', huma hallsu dak li kienu kundannati jhallsu lil Zammit skond is-sentenza appellata.

6. In kontroezami[30], Dr. Schembri Gonzi kkonfermat li fil-kawza fil-mertu hija kienet tidher kemm bhala parti, u anke bhala avukat tal-konvenuti flimkien ma' Dr. Tonio Azzopardi. Hija kkonfermat l-indirizz u wkoll il-kitba ta' Dr. Azzopardi fuq il-*folder* tan-notifika ghar-Rikors tal-Appell. Hija pero' cahdet li, fi Frar 2021, ix-xoghol fil-Qorti kien ghaddej normali. Skond hi, kienet tirrenja l-konfuzjoni. Qablet li wara Novembru 2020, hija baqghet l-unika avukat tal-appellanti. Hija ma kinetx taf twiegeb jekk ir-Rikors tal-Appell taghhom kienx notifikat lil Zammit.

7. Il-fatti dikjarati mill-bqija tar-rikorrenti jikkorroboraw ix-xiehda ta' Dr. Schembri Gonzi. Huha John Gonzi zied jghid li kellu wkoll kawza twila ta' separazzjoni, u l-marixxalli qatt ma kellhom diffikulta' biex jinnotifikawh.

8. Ir-rikorrenti ressqu b'xhieda taghhom lill-marixxalli John Francica[31], u Sandra Grech[32].

9. Il-marixxall John Francica iddikjara li mar kemm-il darba jqassam riferti tal-familja tar-rikorrenti fl-indirizz taghhom f'Ta'

[29] Ara wkoll f'dan is-sens, ix-xiehda ta' zewgha Giles Schembri, fol. 136
[30] Ara xiehda, 30.11.2023, fol. 163 sa 172
[31] Ara xiehda, 16.6.2022, fol. 107 sa 119
[32] Ara xiehda,

Sliema, li huwa parti mid-distrett assenjat lilu ghal dawn l-ahhar snin, u gieli kkomunika maghha l-Qorti biex jghaddilha n-notifika jekk ma jsib lil hadd fid-dar. F'dan il-kaz, in-numru tal-appartament li ried ihabbat ma kienx indikat, huwa habbat fin-numru wiehed (1) u ma fetah hadd, u lilha ma kienx qed jaraha l-Qorti ghax ma kinetx qed tidhol ghax-xoghol minhabba fil-pandemija.

10. Il-marixxall Sandra Grech iddikjarat li ilha taghmel in-notifiki fuq barra ghal hames snin, fis-sezzjoni tac-civil, u qabel kienet taghmel tal-kriminal. Id-distrett assenjat lilha jinkudi n-Naxxar. Hija spjegat li, meta r-riferta tkun negattiva, il-marixxall johrog *"Lettera d'Avviso"* indirizzata lill-avukat jew prokuratur legali li jkun talab li ssir in-notifika, biex ikun avzat li n-notifika ma saritx. Hija kkonfermat li kienet kitbet hi ittra bhal dawn, biex tavza lil Dr. Mariella Schembri Gonzi li n-notifika ta' Zammit bl-avviz tal-appell ma kinetx saret. Pero' f'dan il-kaz, il-marixxall iddikjarat car li lil Dr. Schembri Gonzi ***"ma sibthiex. Kieku sibtha ghandi l-firma"***[33] u regghet ***"Kieku sibtha jkolli d-data, Dottore. Id-data u l-firma taghha."***[34]. Hija xehdet ukoll li, fi zmien il-pandemija, ix-xoghol tal-marixxalli ma baqax ghaddej normali. Ghal xi zmien, kienu jidhlu darbtejn jew tlieta fil-gimgha biss ghax-xoghol, u t-tqassim kien naqas.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

11. Din il-Qorti ser titratta l-ewwel l-eccezzjoni tal-gudikat imqajjma minnha stess fl-ahhar stadju tal-kawza, u li dwarha ressqu s-sottomissjonijiet biss ir-rikorrenti wara li tat l-opporunita' lill-partijiet sabiex hadd mill-partijiet ma jkun rinfaccat b'decizjoni dwar punt li ma kienx jifforma parti mit-talbiet jew l-eccezzjonijiet. Kif qalet fid-digriet taghha tat-3 ta' Ottubru 2024, hija qajjmet din l-eccezzjoni wara li qieset (i) in-natura tal-ilment li r-rikorrenti ga ressqu quddiem il-Qorti tal-Appell bir-Rikors intavolat minnhom fit-13 ta' Mejju 2021; (ii) il-kunsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni tal-Qorti

[33] Fol. 189
[34] Fol. 190

tal-Appell fil-provvediment hawn fuq riportat; (iii) il-possibilita' li dan il-provvediment johloq gudikat dwar l-ilment ta' ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq prosegwit bl-azzjoni odjerna[35], u (iv) in-natura ta' ordni pubbliku tal-eccezzjoni tal-gudikat.

12. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Giampaolo Lonzar et noe vs MLS – Multi Logistic Services Limited et**[36], il-Qorti ghamlet taghha r-rassenja gurisprudenzjali li tat din il-Qorti (diversament presjeduta) f'dak il-kaz dwar l-eccezzjoni tal-gudikat. Il-punt tat-tluq huwa li din l-eccezzjoni hija ta' ordni pubbliku, u li ghandha tkun applikata restrittivament jekk tkun ga nghatat sentenza, li ghaddiet f'gudikat, li tissodisfa kumulattivament it-tlett rekwiziti ta' *aedem res*, *aedem personae*, u *aedem causa petendi*, b'paragun mal-proceduri pendenti:

> *"Analizi ta` l-element eadem res saret fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/RCP) tad-9 ta` Jannar 2002 fil-kawza **"Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Ltd"**. Hemm inghad illi dan l-element jirrigwarda l-fatt li l-oggett mertu tat-talba l-gdida jkun identiku ghat-talba precedenti li tkun giet determinata b`sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Ghalhekk sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien intalab b`talba precedenti li giet determinata b`sentenza ta` qabel. Minn dan isegwi li anke jekk l-oggett ta` talba l-gdida hu simili ghal dak ta` decizjoni precedenti, izda mhux identiku, is-similarita` mhijiex ostakolu ghat talba gdida ghaliex l-effetti ta` sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li jkunu ressqu l-partijiet u ddecidew il-Qrati.[37] Mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta` kif ghandha tigi determinata l-identita` ta` l-oggett jidher illi l-ahjar metodu hu li l-Qorti tezamina jekk il-kwistjoni li titressaq fit-talbiet attrici tkunx giet jew le deciza fis-*

[35] Ara f'dan is-sens il-kunsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **B Grima & Sons Ltd vs L-Avukat tal-Istat et**, Rik. Nru. 77/2019/1, deciza fil-25 ta' Frar 2021, para. 10 sa 15
[36] Rik. Gur. Nru. 1229/09/2JZM, Appell, 4.5.2022
[37] Sottolinear ta' din il-Qorti

*sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. <u>Ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati fis-sentenza l-ohra jew jekk baqghu mhux decizi. Jekk il-kwistjoni tkun giet trattata u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta` l-oggett.</u>*[38]

***<u>L-element eadem causa petendi</u>*** *jirrikjedi li "the cause of the claim" fit-talba l-gdida tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-causa petendi hi "the title on which the demand is based". <u>Sabiex jirrizulta l-element, irid jigi ppruvat li l-kawzali tat-talba l-gdida tkun fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti u li giet determinata b`sentenza li ghaddiet in gudikat.</u>*[39] *Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba id-diversita` ta` motivi tal-causa petendi.*

***<u>L-element eadem personae</u>*** *kien trattat fis-sentenza li tat din il-Qorti (PA/JRM) fil-kawza "**Charles Cortis v. Francis X. Aquilina et**" fejn inghad :-*

*"L-element tal-identita` tal-persuni, huwa wkoll fondamentali u ta` siwi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn. In-nuqqas tieghu huwa bizzejjed biex jeskludi l-gudikat ghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rappresentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b`sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, ukoll jekk l-ezitu ta` dik is-sentenza ikun jiffavorih."*

*It-tlett elementi huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk nieqes imqar wiehed minnhom, taqa` l-eccezzjoni.*

*Inghad ukoll illi res judicata ghandha applikazzjoni restrittiva. Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby**" kien rilevat illi :-*

*"Il-fundament ta` l-`actio` u ta` l-`exceptio judicati` hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija `strictissimae interpretationis`.Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta` kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta` l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f`kawza deciza b`sentenza li gja ghaddiet f`gudikat.*

[38] Sottolinear ta' din il-Qorti
[39] Sottolinear ta' din il-Qorti

*Sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat.*
*L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b`cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik leccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet `effettivament` deciza bis-sentenza ta` qabel … Fid-dubju l-Imhallef m`ghandux jippropendi favur l-eccezzjoni tal-gudikat."*

13. Jirrizulta f'dan il-kaz li:

(i) l-oggett (*res*) tal-ewwel kawza fl-ismijiet **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et** (1149/09AF) kien il-hlas ta' bilanc ta' prezz ghat-twettiq ta' appalt li Zammit pretendew li kien fadlilhom jircievu minghand Gonzi; filwaqt li l-oggett ta' din il-kawza huwa l-pretensjoni li r-rikorrenti odjerni Gonzi garrbu ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom bil-mod kif procediet il-Qorti tal-Appell dwar l-appell intavolat minnhom mis-sentenza moghtija fil-process imsemmi numru 1149/09AF;

(ii) il-partijiet (*personae*) f'dik il-kawza kienu l-intimati odjerni odjerni Zammit, bhala atturi, u r-rikorrenti odjerni Gonzi bhala konvenuti; filwaqt li l-partijiet f'din il-kawza jinkludu r-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, u l-Avukat tal-Istat;

(iii) il-mertu (*causa petendi*) ta' dik l-azzjoni l-ohra kien jirrigwardja l-jedd ta' kreditu li Zammit pretendew li kellhom kontra Gonzi, u li Gonzi nsistew li ma kienx jezisti aktar wara l-ezitu ta' proceduri precedenti li kien hemm bejn l-istess partijiet Zammit u Gonzi, u li kienu decizi qabel (Citaz. Nru. 1005/02).

Jinghad ukoll li l-kwistjoni tal-ksur ta' drittijiet fundamentali fil-process **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et** (1149/09AF) ma tqajmitx, jew kienet determinata, fil-korp tas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, moghtija fis-16 ta' Frar 2016, li ghaddiet f'gudikat, imma f'digriet moghti mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Gunju 2021, wara li l-appell tar-rikorrenti odjerni kien dikjarat dezert fit-2 ta' Marzu 2021[40], meta allura ghaddiet f'gudikat is-sentenza imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Frar 2016.

14. Wara li qieset dan kollu, u minkejja l-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell fid-digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2021, din il-Qorti jidhirlha li ma hemm ebda impediment fil-ligi b'gudikat ghall-ezami u d-determinazzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti f'din il-kawza.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

15. Preliminarjament ukoll, l-intimati Avukat tal-Istat, Registratur Qrati Civili u Tribunali u l-konjugi Zammit eccepew ukoll (i) li r-Registratur Qrati Civili u Tribunali u l-konjugi Zammit mhumiex legittimi kuntraditturi ghal-lanjanzi tar-rikorrenti, u ghalhekk ghandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; u (ii) li r-rikorrenti naqsu li jezawrixxu r-rimedji ordinarji taghhom skond il-ligi.

16. Ikun utli, f'dan il-punt, li l-lanjanza tar-rikorrenti titqies fil-parametri proprji taghha, kif spjegata minnhom fl-att promotur u fis-sottomissjonijiet finali taghhom dwar il-mertu. Ir-rikorrenti jilmentaw li, bid-disposizzjonijiet fl-**art. 818(2)** u **963(3)** tal-Kap. 12, huma garrbu ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ghal smigh xieraq, ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' minghajr kumpens u ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom, fit-termini tal-**art. 39** tal-Kostituzzjoni u

[40] Ara fol. 412 tal-process quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et** (1149/09AF)

l-**art. 6** tal-Konvenzjoni Ewropea, u tal-**art. 37** tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, rispettivament. Fl-istess hin, ir-rikorrenti jilmentaw ukoll mill-mod kif il-Qorti tal-Appell haddmet id-disposizzjoni fl-**art. 963(3)** tal-Kap. 12 fil-kaz taghhom, partikolarment in vista tar-rizultanza li la huma, u lanqas id-difensur taghhom Dr. Mariella Schembri Gonzi, li nzertat ukoll wahda mir-rikorrent stess, ma kienu avzati bid-data tas-smigh tal-appell.

17. Kif issenjalat il-Qorti Kostituzzjonali ricentement fis-sentenza **Peter sive Pierre Falzon et vs L-Avukat tal-Istat et**[41], ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunal ("Registratur") ghandu jkun intimat fi procediment bhal dan fejn il-mertu tal-lanjanza tirrigwardja, direttament jew indirettament, l-agir tieghu fit-tmexxija tal-qrati civili, u l-proceduri gudizzjarji mmexxija minnhom. F'dak il-kaz, l-agir tar-Registratur kien jikkonsisti fit-thaddim tad-disposizzjonijiet procedurali dwar il-komputazzjoni u l-gbir tal-flejjes b'garanzija ghall-ispejjez ta' appell. F'dan il-kaz, aspett krucjali fl-ilment imressaq mir-rikorrenti, gustifikat jew le, huwa li l-marixxalli tal-Qorti naqsu li jinnotifikaw lir-rikorrenti odjerni u/jew lid-difensur taghhom, li fl-ahhar stadji tal-procediment quddiem il-Qorti tal-Appell kienet wahda minnhom biss, bl-avviz tas-smigh tal-appell intavolat minnhom kwazi hames snin qabel, u bl-avviz tal-hlas tal-kawtela. Dawn l-ufficjali tal-Qorti jaqghu fir-responsabbilta' tar-Registratur, u hekk ukoll it-thaddim tal-procedura tan-notifika skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 meta l-hlasijiet appoziti jkunu saru mill-parti fil-kawza.

18. Specifikament fir-rigward tal-interess guridiku tal-konvenut biex jitharrek f'kawza, u x'jaghmlu legittimu kuntradittur ghat-talbiet tal-attur, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Frankie Refalo noe vs Dr. Jason Azzopardi**[42] qalet hekk:

---

[41] Rik. Nru. 165/2022/1LM, 21.1.2025

[42] Qorti tal-Appell, 5.10.2001, Citaz. Nru. 1365/92AJM

*"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors* ***tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti****.*[43]

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha."*

19. Meqjus li, kemm jekk jirrizulta l-ksur tad-drittijiet fundamentali li dwaru jilmentaw ir-rikorrenti, kemm jekk le, il-lanjanza taghhom iddur ukoll madwar allegati nuqqasijiet fil-mod kif imxew il-marixxalli fit-tqassim tal-atti gudizzjarji, u anke tal-Qorti tal-Appell fil-kunsiderazzjonijiet li ghamlet biex iddikjarat dezert l-appell intavolat mir-rikorrenti fil-procediment **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et** (1149/09AF), f'liema procediment l-intimati Zammit kienu parti, din il-Qorti ssib li kemm ir-Registratur u anke l-konjugi Zammit ghandhom interess bizzejjed biex jippartecipaw bhala partijiet f'dan il-gudizzju. Wara kollox, in-nuqqasijiet allegati, jekk pruvati, jistghu potenzjalment jaghtu lok ghal eziti li jaffettwaw l-interessi ta' dawn l-intimati, u ghalhekk il-presenza taghhom hija mehtiega kemm ghall-integrita' tal-gudizzju, u ghas-salvagwardja tad-drittijiet tieghu.[44]

20. Konsegwentement, din il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet relattivi mqajjma mill-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, u mill-kjamati fil-kawza Zammit.

[43] Enfasi ta' din il-Qorti

[44] Ara fl-istess sens, **Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim'Ministru**, Qorti Kostituzzjonali, 8.10.2020, para. 23

**Ikkunsidrat ukoll li:**

21. Sabiex titratta kif misthoqq l-eccezzjoni tal-intimati li l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jitqies billi dawn kellhom rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni taghhom, li naqsu li jezawrixxu, din il-Qorti ser tqis din l-eccezzjoni mal-bqija tal-mertu tal-lanjanzi tar-rikorrenti.

22. Ghall-kjarezza, is-sekwenza, f'termini ta' dati, tal-procediment intavolat mir-rikorrenti odjerni quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et** (1149/09AF) hija s-segwenti:

(i) Ir-rikorrenti pprezentaw l-appell taghhom fl-4 ta' Marzu 2016. L-appell kien prezentat minn Dr. Tonio Azzopardi u Dr. Mariella Schembri Gonzi;
(ii) mal-prezentata tal-appell, l-intimat Registratur ircieva hlas biex dan ir-Rikors jigi notifikat bil-purtier lill-appellati Zammit, u wkoll biex il-partijiet kollha jigu notifikati bl-avviz tas-smigh u tal-kawtela[45];
(iii) it-tentattiv ta' notifika bir-Rikors tal-Appell tar-rikorrenti lil Zammit sar fit-8 ta' Marzu 2016, mill-marixxall Eugenio Mallia, u rrizulta fin-negattiv ghax "ma fetah hadd"[46];

(iv) tlett ijiem wara l-prezentata tar-Rikors tal-Appell, l-istess avukati ghar-rikorrenti pprezentaw Rikors b'talba sabiex ir-rikorrenti jkunu awtorizzati jqajjmu tlett eccezzjonijiet perentorji godda[47];

[45] Ara timbu hlas, fol. 378 tal-process allegat **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell

[46] Fol. 377 (*tergo*)
[47] Fol. 400 tal-process allegat **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell

(v) fis-17 ta' Marzu 2016, il-Qorti tal-Appell ordnat in-notifika ta' dan ir-Rikors, u tat lill-appellati Zammit gimgha zmien ghar-risposta[48];

(v) fit-22 ta' Marzu 2016, il-marixxall tal-Qorti Eugenio Mallia rregistra li mar fl-indirizz moghti ta' Zammit fit-8.15am u ma fetah hadd[49]. Pero' dakinhar stess l-appellati Zammit intavolaw risposta ghar-rikors tas-17 ta' Marzu 2016[50]. Il-Qorti tal-Appell regghet rat ir-rikors, u r-risposta u rrizervat li tipprovdi ulterjorment wara li tisma' lill-partijiet[51];

(vi) ma sar ebda tentattiv iehor mir-rikorrenti biex l-appellati Zammit jigu notifikati bir-Rikors tal-Appell taghhom;

(vii) b'nota ffirmata mill-avukat Dr. Mariella Schembri Gonzi, u pprezentata fid-19 ta' Novembru 2020, ir-rikorrenti rregistraw li l-avukat Tonio Azzopardi ma kienx ghadu l-avukat tal-fiducja taghhom[52];

(viii) fit-3 ta' Frar 2021, il-Prim'Imhallef hareg l-avviz tal-appuntament tal-appell[53], u kontestwalment l-intimat Registratur hareg l-avviz tal-hlas tal-kawtela[54]. L-istess intimat Registratur ghamel tentattiv ta' notifika b'dawn l-avvizi lill-partijiet fil-kawza, liema tentattivi rrizultaw fin-negattiv[55];

(ix) l-intimat Registratur ikkompila zewg avvizi indirizzati lill-avukat tar-rikorrenti dwar dan in-nuqqas ta' notifika, li pero' baqghu ma tqassmux lill-avukat koncernat[56];

---

[48] Fol. 401 tal-process allegat **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[49] Fol. 399 (*tergo*)
[50] Fol. 403 sa 404 tal-process allegat **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[51] Fol. 402 tal-process allegat **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[52] Fol. 406 tal-atti allegati **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[53] Fol. 408 tal-atti allegati **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[54] Fol. 407A (*tergo*) tal-atti allegati **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[55] Fol. 407 (*tergo*) tal-atti allegati **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[56] Fol. 409 u 410 tal-atti allegati **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell

(x) il-Qorti tal-Appell zammet zewg seduti ghas-smigh, li fihom ma deher hadd. Fl-ewwel seduta tas-16 ta' Frar 2021[57], il-Qorti nnotat li *"l-appellanti ghadhom sallum ma nnotifikawx lill-appellati bir-rikors tal-appell promotur"* u tat differiment wiehed ghal dak l-iskop, bi twissija li, fin-nuqqas, tiehu l-provvediment opportun. Billi fis-seduta ta' wara, tat-2 ta' Marzu 2021[58], rega' ma deher hadd, u *"Billi l-appell baqa' ma giex notifikat skond il-ligi"*, hija ddikjarat li l-istess appell kien mar dezert.

23. Id-disposizzjoni tal-ligi ordinarja dwar id-dezerzjoni fi stadju ta' appell huma s-segwenti:

> **963. (1)** Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, **fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena.**
>
> **(2)** Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, **fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.**
>
> **(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.**

[57] Fol. 411 tal-atti allegati **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell
[58] Fol. 412 tal-atti allegati **Zammit vs Gonzi** fi stadju ta' appell

**(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux.**[59]

**(4)** B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.

**(5)** Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 732(2), kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa, minkejja lordnijiet mogħtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), fiż-żmien hawn fuq imsemmi:
(a) meta l-kawża tkun quddiem qorti tal-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha; u
(b) meta l-kawża tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din għandha titqies bħala kawża deżerta.

**(6)** Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad ilproċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Filqorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat.

---

[59] Enfasi ta' din il-Qorti

24. Is-subartikoli (3) u (3A) tad-disposizzjoni appena citata kienu ntrodotti fil-ligi bl-**art. 29 tal-Att VIII tal-2007**. Permezz taghhom, il-legislatur impona fuq il-qrati l-obbligu li jaghtu opportunita' wahda addizzjonali lill-attur f'kawza sabiex jevita l-konsegwenza tad-dezerzjoni, billi jippermettulu jindirizza, f'terminu ffissat, in-nuqqas tieghu li jaghmel dak mistenni minnu fit-termini perentorji stabbiliti bl-istess disposizzjoni ghall-gheluq tal-procediment bil-miktub. Precedentement ghal din l-emenda, is-sanzjoni tad-dezerzjoni kienet tassattiva, u awtomatika, meta l-proceduri bil-miktub ma jkunux inghalqu fiz-zmenijiet preskritti.

25. Meta kien qed ifisser l-ghan ta' din l-emenda, u ohrajn maghha fir-rigward tat-temperament ghas-sanzjoni estrema tad-deserzjoni, il-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien Dr. Carmelo Mifsud Bonnici rrapporta li *"Kellna ħafna pressjoni minn naħa ta' l-uffiċċju ta' l-avukat ġenerali u wkoll mingħand diversi avukati fuq il-kwestjoni tad-deżerzjoni tal-kawżi quddiem il-qorti fil-prim'awla tal-qorti ċivili. U allura ġiet suġġerita emenda li tgħid illi l-kawża, biex tiġi ddikjarata bħala deżerta, l-ewwel ħaġa trid issejjaħ żewġ udjenzi konsekuttivi. It-tieni r-ri-appuntar tagħha jista' jsir fi żmien tliet xhur u mhux fi żmien tliet xhur u mbagħad id-dispożizzjoni ta' dan l-artiklu ma jgħoddx meta hemm kawża oħra li tkun qed tistenna eżitu ta' kawża oħra."*[60] Dwar il-possibilita' ta' estensjoni, ghal darba wahda biss, taz-zmien ghall-gheluq tal-proceduri bil-miktub fi stadju ta' appell, ma nghad xejn b'mod specifiku, pero' wiehed ghandu jifhem li l-istess spirtu wassal ghal din il-modifika.

26. Imiss issa li din il-Qorti tqis jekk dawn id-disposizzjonijiet, <u>kif allura fis-sehh fi Frar u Marzu 2021</u>, humiex vjolattivi tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea. Fis-

[60] Ara diskussjoni fi stadju ta' Kumitat, L-Ghaxar Parlament, Laqgha numru 97 li nzammet fit-23 ta' Mejju 2007 meta kien qed jigi diskuss Abbozz ta' Ligi numru 72, li mbaghad gie promulgat bhala Att VIII tal-2007, pg. 21

sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti spjegaw fit-tul kif jirritjenu li din il-mizura, flimkien mar-restrizzjoni ta' zmien ghall-ezercizzju tar-rimedju ta' ritrattazzjoni fit-termini tal-**art. 818(2)** tal-Kap. 12, icahhduhom mill-jedd ghal smigh xieraq ghaliex, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, hallewhom minghajr access ghal qorti[61].

27. Fis-sentenza ricenti ga citata **Falzon et vs Avukat tal-Istat et**[62], il-Qorti Kostituzzjonali ezaminat l-import ta' dan il-jedd fundamentali fejn jirrigwardja l-access ghall-qrati, u l-effettivita' tar-rimedju mistenni, jew moghti, b'dak l-access. Din il-Qorti ser ticcita l-bran shih ghax jidhrilha li jiswa' ghal dan il-kaz:

> 37. Illi huwa magħruf li «*The right of access to a court for the purposes of Article 6 was defined in **Golder v. the United Kingdom**, 1975, §§ 28-36 (see, as a recent authority, Grzęda v. Poland [GC], 2022, §§ 342-343). Referring to the principles of the rule of law and the avoidance of arbitrary power which underlie the Convention, the Court held that the right of access to a court was an inherent aspect of the safeguards enshrined in Article 6 (**Grzęda v. Poland** [GC], 2022, § 298; **Zubac v. Croatia** [GC], 2018, §§ 76 et seq.)1*». Hekk ukoll, «*The right to a fair trial, as guaranteed by Article 6 § 1, requires that litigants should have an effective judicial remedy enabling them to assert their civil rights (**Naït-Liman v. Switzerland** [GC], 2018, § 112; **Běleš and Others v. the Czech Republic**, 1 Para 121 2002, § 49)2*». (ara Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (civil limb) – aġġornat sad-29 ta' Frar, 2024)

[61] Fis-sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti jirreferu ghal dan in-nuqqas bhala nuqqas ta' rimedju effettiv.
[62] Rik. Nru. 165/2022/1LM, 21.1.2025

38. Ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Marzu, 2009 fil-kawża fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Jean-Philippe Chetcuti et v. Maurice Vassallo Eminyan et**, li *«Huwa risaput li d-dritt ta' aċċess għall-Qorti ma huwiex wieħed assolut. … «L-istess Qorti [ECtHR] spjegat x'limitazzjonijiet huma permessi fil-konfront tad-dritt ta' access għall-Qorti fost oħrajn fis-sentenza* ***Ashingdane v. United Kingdom*** *tat-28 ta' Mejju 1985 fejn f'paragrafu 57 inter alia jingħad hekk:*
*"... the right of access to the courts ... may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access "by its very nature calls for regulation by the State, regulation which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals" ... In laying down such regulation, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation.... Nevertheless, the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired ... Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6, paragraph 1 (art. 6-1), if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved."* L-imsemmi Artikolu 6(1) ma jagħti l-ebda dritt ta' appell u wisq anqas ta' ritrattazzjoni. Madanakollu, il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg stabbiliet ukoll illi jekk l-iStat iwaqqaf proċedura ta' appell (u allura anke ta' ritrattazzjoni), l-istess Stat ikun obbligat li jiggarantixxi li kull persuna fil-ġurisdizzjoni tiegħu, tkun tista' tgawdi waqt il-proċedura ta' l-appell (jew ta' ritrattazzjoni) id-drittijiet fondamentali kollha li jemanaw mill-imsemmi Artikolu 6(1). Madanakollu, wieħed ikun obbligat li jżomm quddiem għajnejh il-fattispeċi partikolari tal-proċeduri involuti, fid-dawl

tal-proċess fl-assjem (sħiħ) tiegħu. …[63]

39. Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet **Neil Carter et v. L-Onorevoli Prim Ministru et**, ġie mfisser li għalkemm ma jissemmiex espressament bħala jedd fih innifsu, il-jedd għall-aċċess effettiv għall-ġustizzja huwa meqjus bħala element meħtieġ għall-ħarsien sħiħ tal-jedd għal smigħ xieraq, l-aktar minn limitazzjonijiet li l-istat jista' jaħseb li jagħmel u li jfixklu lil min ikun milli jkun jista' jitlob it-tħaris ta' jeddijietu, l-aktar jekk kemm-il darba tali limitazzjonijiet ikunu formalistiċi jew li fuqhom il-persuna mġarrba ma jkollha l-ebda kontroll (ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali maqtugħa fit-12 ta' Jannar, 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Stephen Schembri v. L-Avukat Ġenerali**). Kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni tfissru bħala dispożizzjonijiet li mhux biss jiggarantixxu dritt ta' smigħ xieraq fi proċediment mibdi dwar il-ħarsien ta' jedd jew obbligazzjoni ċivili, iżda wkoll dritt għal smigħ xieraq b'ħarsien ta' jedd jew obbligazzjoni bħal dawk. Dan il-jedd jinkludi fih il-fażijiet u l-aspetti kollha marbuta mal-proċess ġudizzjarju, magħduda dawk dwar l-ispejjeż li jidħlu fi proċedimenti biex jitħarsu dawk il-jeddijiet u dawk l-obbligi (**Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak** *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006), § 10.4, f'paġ. 557 – 563).

40. Il-Qorti f'din l-aħħar sentenza fissret li «*Illi huwa madankollu daqstant ieħor magħruf li l-jedd ta' aċċess għal qorti m'huwiex wieħed mingħajr limiti jew assolut. Minbarra każijiet fejn il-persuna nnifisha tagħżel minn rajha li tirrinunzja għal proċedura li setgħet tinqeda biha,*

[63] Sottolinear ta' din il-Qorti

*huwa aċċettat li hemm limitazzjonijiet oħra li jistgħu jikkontrollaw aċċess għal qorti jew saħansitra jneħħuh, bħalma huma regoli dwar persuni li ma jistgħux ikunu f'ġudizzju jew fil-każ ta' żminijiet ta' preskrizzjoni jew termini stabiliti biex wieħed jadixxi qorti jew tribunal, jew fil-każ li l-liġi tkun tipprovdi għal proċeduri alternativi.»*

41. Sfiq ma' dan, «*The "right to a court" and the right of access are not absolute. They may be subject to limitations, but these must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired (**Stanev v. Bulgaria** [GC], 2012, § 229; **Baka v. Hungary** [GC], 2016, § 120; **Naït-Liman v. Switzerland** [GC], 2018, § 113; **Philis v. Greece (no. 1),** 1991, § 59; **De Geouffre de la Pradelle v. France**, 1992, § 28). Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 § 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (**Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania** [GC], 2016, § 89; **Naït-Liman v. Switzerland** [GC], 2018, § 115).*» (ara *Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (civil limb)* – aġġornat sad-29 ta' Frar, 2024)

28. Applikati dawn il-kriterji, cioe' (i) li l-mizura restrittiva tkun diretta biex tilhaq ghan legittimu; (ii) li ma tkunx estensiva tant li ccahhad, jew ixxekkel, lill-parti milli tirrikorri ghal qorti biex il-jedd vantat minnha jigi determinat; u (iii) li tibbilancja b'mod proporzjonat bejn l-ghan u l-konsegwenza tar-restrizzjoni, ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ssib li kemm is-sanzjoni procedurali tad-dezerzjoni, bit-temperament introdott bis-subartikoli **(3)** u **(3A)** tal-**art. 963** tal-Kap. 12, u anke l-provvediment ta' terminu perentorju ghall-ezercizzju tar-rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni, kif stipulat fl-**art. 818(2)**

tal-Kap. 12, huma restrizzjonijiet legittimi li ma jiksrux il-jedd fundamentali ghal smigh xieraq.

29. Dwar il-mizura tad-dezerzjoni, u t-temperament ghal din is-sanzjoni li l-legislatur introduca kwazi ghoxrin sena ilu, fi zmien meta l-pressjoni mizjuda tax-xoghol fil-qrati wasslet ghal dilungar fl-appuntament tal-kawzi u tal-appelli ghas-smigh, din il-Qorti jidhrilha li hija mizura korretta u proporzonali. Filwaqt li min iressaq kawza, jew appell, ghandu kull obbligu li jsegwi b'reqqa u attenzjoni l-atti intavolati minnu, hafna drabi z-zamma tat-termini meta dawn jehtiegu li terzi jkunu notifikati bl-atti hekk prezentati ma jkunx jiddependi biss mill-parti, imma wkoll mir-Registratur u l-ufficjali tieghu, u mill-Qorti li lilha jkun assenjat il-procediment. Il-parti ma tistax twettaq hi l-mansjonijiet ta' dawn, u ghalhekk din il-mizura ta' temperament introdotta fl-2007 kienet kjarament intiza biex jinzamm il- bilanc. F'dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell zammet zewg seduti ghas-smigh tal-appell tar-rikorrenti. Fl-ewwel wahda, hija nnotat li l-procediment bil-miktub kien ghadu mhux maghluq kwazi hames snin wara l-prezentata tieghu, u tat l-ahhar opportunita' lill-appellanti – rikorrenti odjerni – biex jaderixxu ruhhom mal-obbligu taghhom li jassiguraw li l-appellati Zammit ikunu notifikati bir-Rikors tal-Appell. Ma kienx mehtieg li l-Qorti tal-Appell tara li l-appellanti (rikorrenti odjerni) jkunu avzati bid-data tas-smigh, ghas-semplici raguni li l-obbligu taghhom li jaraw li l-appellati jkunu debitament notifikati bir-Rikors tal-Appell fi zmien sena mill-prezentata tieghu, kien jorbothom indipendentement miz-zmien li fih jinstema' l-appell. Matul il-hames snin li ghaddew bejn il-prezentata tal-appell, u s-smigh tieghu, ir-rikorrenti odjerni ma hallsu ebda zieda lir-Registratur biex isiru aktar tentattivi ghan-notifika tal-appellati b'dan l-att, u dan minkejja li matul is-snin prezentaw atti gudizzjarji ohra fl-istess procediment.

30. Dwar ir-restrizzjoni ta' zmien li fih jista' jkun ezercitat ir-rimedju ta' ritrattazzjoni, din il-Qorti thoss li dan iz-zmien

massimu huwa mehtieg, u t-tul tieghu huwa ragjonevoli, fid-dawl tal-obbligu li ghandu l-Istat li jassigura c-certezza tad-decizjonijiet tal-organi gudizzjarji tieghu fl-interess tal-generalita'. Irid jinghad ukoll li, f'dan il-kaz, ma jidhirx li dan ir-rimedju seta' kien disponibbli ghar-rikorrenti, fid-dawl ta' dak provdut fl-**art. 812** tal-Kap. 12[64], billi dawn kienu ezercitaw il-jedd taghhom li jappellaw mis-sentenza intavolaw appell mis-sentenza **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et** (1149/09AF) moghtija fis-16 ta' Frar 2016.

31. Irid jinghad fl-ahharnett li, fi proceduriment ta' natura kostituzzjonali, bhalma huwa dak odjern, din il-Qorti ma tistax taghti gudizzju dwar jekk ir-Registratur, jew il-Qorti tal-Appell, fil-kaz odjern, naqsux minn xi obbligu, jew ghamlux xi zball, fil-mod kif wettqu l-mansjonijiet fdati lilhom bil-ligi, tenut kont ukoll li l-pajjiz intlaqat mill-pandemija fil-frattemp. Kif argumenta sewwa l-Avukat tal-Istat fis-sottomissjonijiet finali tieghu, dak l-ezami u gudizzju tista' taghmlu biss qorti ordinarja fi procediment dwar responsabbilta' civili, u din il-Qorti m'ghandha ebda kompetenza biex taghmlu hi, kif donnhom jistennew r-rikorrenti.

32. Ghalkemm fl-att promotur, ir-rikorrenti lmentaw ukoll minn ksur tad-dritt fundamentali taghhom ghal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta' minghajr kumpens[65], la f'dak l-istadju, u lanqas fis-sottomissjonijiet finali taghhom ma spjegaw din il-lanjanza taghhom. Minn dan in-nuqqas, din il-Qorti tifhem li r-rikorrenti ghazlu li ma jinsistux tant fuq dan l-ilment taghhom. Ghall-kompletezza, pero', din il-Qorti jidhrilha li, anke jekk wiehed jikkunsidra bhala *"proprjeta'"* jew "possediment" tar-rikorrenti, ghall-finijiet tal-**art. 37** tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-

---

[64] **812.** Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f 'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell.
[65] Ara tieni talba

Konvenzjoni Ewropea, is-somma flus li dawn kellhom ihallsu lill-intimati Zammit b'ezekuzzjoni tas-sentenza **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et** (1149/09AF) moghtija fis-16 ta' Frar 2016, wara li din ghaddiet f'gudikat bl-ordni ta' dezerzjoni tal-appell moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 2021, xorta wahda ma jirrikorrux fil-fatti esposti r-rekwiziti l-ohra ta' dawn iz-zewg jeddijiet fundamentali sabiex jirrikorri l-ksur allegat mir-rikorrenti. It-tehid ta' din il-*"proprjeta'"* jew *"possediment"* sar biss b'konsegwenza ta' gudikat tal-Qorti kompetenti.

**Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti qieghda tiddisponi mill-ilment tar-rikorrenti f'din il-kawza billi, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza Zammit, tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati safejn kompatibbli ma' dawk hawn deciz, u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti**.

___________________________

Onor. Dr. Giovanni M Grixti
Imħallef

___________________________

Nicole Cini
Deputat Reġistratur